



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Mejju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0161(NLE)

9364/23
ADD 2

ECOFIN 434
FIN 527
UEM 98

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Mejju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 265 final
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (ST 12532/21 INIT; ST 12532/21 ADD 1) tat-3 ta' Novembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Estonja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 265 final.

Mehmuż: COM(2023) 265 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.5.2023
COM(2023) 265 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (ST 12532/21 INIT; ST 12532/21 ADD 1) tat-3 ta' Novembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Estonja

{SWD(2023) 142 final}

ANNESS

SEZZJONI 1: RIFORMI U INVESTIMENTI TAĦT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. Deskrizzjoni tar-Riformi u l-Investimenti

A. IL-KOMPONENT 1: TRASFORMAZZJONI DIĠITALI TAL-INTRAPRIŻI

L-oġġettiv ta' dan il-komponent tal-pjan Estonjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li titrawwem it-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji Estonjani u l-kompetittività tagħhom, b'mod partikolari fis-swieq tal-esportazzjoni. Għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-kumpaniji tas-setturi kollha, b'enfasi fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi, fi stadji differenti tat-trasformazzjoni diġitali tagħhom, kif ukoll kontribuzzjonijiet speċifiċi għall-adozzjoni u l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali fis-setturi tal-kostruzzjoni u tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Barra minn hekk, il-komponent għandu jindirizza l-kwistjoni ewlenija tal-ħiliet diġitali, permezz ta' sensibilizzazzjoni tal-maniġers tal-SMEs u appoġġ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' speċjalisti fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT).

Azzjonijiet immirati biex jappoġġjaw l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' esportazzjoni u l-promozzjoni ta' kumpaniji Estonjani barra mill-pajjiż għandhom jitwettqu f'sinerġija mal-attivitajiet ta' Enterprise Estonia.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-investiment fit-tranżizzjoni diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2020) u dwar in-nuqqas ta' ħiliet (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

1.1. Investiment: It-trasformazzjoni diġitali fl-intrapriżi

L-oġġettiv tal-miżura huwa li trawwem it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji b'enfasi partikolari fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi.

Il-miżura tikkonsisti fl-ġhoti ta' appoġġ finanzjarju lill-SMEs u lill-mikrointrapriżi li jinsabu fl-Estonja mis-setturi kollha għal attivitajiet u investimenti rilevanti għat-trasformazzjoni diġitali tagħhom. Dan l-appoġġ finanzjarju, li għandu jkun ikkomplementat bir-riżorsi proprji tal-kumpaniji, għandu jkopri wieħed jew aktar mill-aspetti li ġejjin:

- l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali,
- l-iżvilupp ta' sħab ta' data industrijali,
- attivitajiet ta' riċerka, żvilupp, ittestjar u pilotaġġ industrijali,
- studji ta' fattibbiltà, servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ,
- it-taħriġ tal-persunal.

Il-finanzjament għandu jiġi allokat permezz ta' sejħiet miftuħa għal proposti.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta’ eliġibbiltà li jinsabu f’termini ta’ referenza għas-sejħiet għal proposti għandhom jeskludu l-lista ta’ attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet projettati ta’ gassijiet serra li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti²; (III) attivitajiet relatati ma’ miżbliet tal-iskart, incineraturi³ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku⁴; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista’ jikkawża ħsara lill-ambjent. Barra minn hekk, it-termini ta’ referenza għandhom jeħtieġu li jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.

1.2. Investiment: Żvilupp tal-kostruzzjoni elettronika

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tikkontribwixxi għall-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-kostruzzjoni sabiex tiżdied il-produttività tiegħu, titnaqqas l-impronta ambjentali tiegħu u tittejjeb il-kwalità tal-bini. Dan l-investiment huwa mistenni wkoll li jrawwem kondivżjoni usa’ u aktar effiċjenti tad-data fost il-partijiet ikkonċernati.

Il-miżura tikkonsisti fi tliet ferġat differenti:

- (i) l-iżvilupp ta’ interfaċċi tas-software bejn il-pjattaforma nazzjonali tal-kostruzzjoni elettronika (li qed tiġi żviluppata taħt ir-responsabbiltà tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u l-Akkomodazzjoni tal-Ministeru tal-Affarjiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni) u s-sistemi ta’ informazzjoni pubbliċi u privati eżistenti użati fis-settur, sabiex, fost l-oħrajn, jiġu awtomatizzati l-verifiki tal-konformità tal-bini ma’ diversi rekwiżiti regolatorji, kif ukoll l-għoti ta’ ċertifikati u awtorizzazzjonijiet; dan jinkludi t-taħriġ tal-utenti tal-pjattaforma tal-kostruzzjoni elettronika (inkluż l-iżvilupp ta’ materjal ta’ taħriġ);
- (ii) l-appoġġ għall-introduzzjoni ta’ standards internazzjonali u l-aħjar prattiki fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-bini, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta’ sistema ta’ klassifikazzjoni tad-data dwar il-kostruzzjoni, il-ħolqien ta’ bażi tad-data dwar il-materjali tal-kostruzzjoni u l-prodotti għall-bini, l-introduzzjoni tal-BIM (Immudellar tal-Infomazzjoni dwar il-Bini) fil-qasam tal-manutenzjoni tal-propjeta’;
- (iii) l-appoġġ għal proġetti (magħżula permezz ta’ sejħiet miftuħa għal proposti) li għandhom l-għan

1 Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta’ trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01).

2 Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet projettati ta’ gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla hlaas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

3 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f’impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta’ skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini ta’ żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid tal-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta’ materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f’żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f’estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

4 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f’impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-iskop li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta’ riċiklaġġ ta’ skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f’żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjant jew f’estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

li jimplimentaw għodod ta' kostruzzjoni diġitali u jiżviluppaw (anke prototipi) servizzi privati u pubbliċi innovattivi konnessi mal-pjattaforma nazzjonali tal-kostruzzjoni elettronika.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

1.3. *Investiment: Żvilupp ta' servizzi diġitali ta' poloz tal-vjeġġ*

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni fit-trasport tal-merkanzija bit-triq permezz tal-introduzzjoni ta' poloz tal-vjeġġ diġitali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1056 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (eFTI), u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ għal:

- (i) fornituri ta' servizzi fl-istabbiliment ta' pjattaformi tal-eFTI li jippermettu l-iskjermament ta' poloz tal-vjeġġ diġitali (eCMR — Nota ta' Kunsinna elettronika),
- (ii) l-intrapriżi tat-trasport u tal-loġistika fl-interfaċċar tas-sistemi u l-proċessi tagħhom mal-pjattaformi tal-eFTI, li jippermettulhom jużaw poloz tal-vjeġġ diġitali (eCMR).

Il-proġetti korrispondenti għandhom jintgħażlu permezz ta' żewġ sejħiet għal proposti distinti.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

1.4. *Riforma: Riforma tal-ħiliet għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji*

L-oġġettiv tar-riforma huwa li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità tan-negozji fil-livell manijerjali biex imexxu u jrawmu t-tranżizzjoni diġitali, kif ukoll biex tiżgura d-disponibbiltà ta' biżżejjed professjonisti tal-ICT li jkollhom ħiliet u għarfien aġġornati, sabiex il-kumpaniji Estonjani jkunu jistgħu jaħtfu bis-sħiħ l-oportunitajiet offruti mit-tranżizzjoni diġitali. Għandha wkoll l-għan li toffri oportunitajiet ġodda ta' karriera kemm lill-persuni impjegati kif ukoll lil daww qiegħda permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fl-ICT, kif ukoll permezz ta' rikonoxximent aħjar tal-ħiliet miksuba barra mit-tagħlim formali. Il-miżura għandha wkoll l-għan li tikkontribwixxi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fit-taħriġ fl-ICT u fil-professjonijiet tal-ICT.

Il-miżura tikkonsisti fl-erba' ferġat li ġejjin:

- (i) it-taħriġ tal-manijers fil-kumpaniji (b'mod partikolari l-SMEs), sabiex iżidu l-ħiliet u l-għarfien tagħhom fl-ICT, u jżidu l-għarfien tagħhom dwar il-kisbiet potenzjali mill-użu tal-ICT,
- (ii) reviżjoni tal-kontenut u l-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-esperti tal-ICT, filwaqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi teknoloġiċi, l-importanza dejjem tikber ta' ċibersigurtà u l-ħtiġijiet tal-kumpaniji,
- (iii) proġett pilota għat-tfassil mill-ġdid tal-qafas tal-kwalifiki għall-ispeċjalisti tal-ICT,
- (iv) it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ispeċjalisti tal-ICT, inkluż fiċ-ċibersigurtà.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

1.5. *Riforma: Appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin*

L-għan tal-miżura huwa li żżid il-kapaċità tal-esportazzjoni u l-kompetittività tal-kumpaniji Estonjani, inklużi b'mod partikolari daww tas-settur tal-ICT. Il-miżura hija mistennija li tkun partikolarment rilevanti għall-SMEs. Għandu jieħu vantaġġ ukoll mill-possibbiltajiet offruti mill-għodod diġitali.

Il-miżura tikkonsisti fi tliet sottomiżuri:

- (i) l-iżvilupp ta' strateġiji ta' esportazzjoni mmirati lejn pajjiżi jew reġjuni speċifiċi;
- (ii) l-istabbiliment ta' ċentri tan-negozju li jinsabu fi swieq ewlenin tal-esportazzjoni;

(iii) il-promozzjoni ta' prodotti u servizzi Estonjani (mis-settur tal-ICT b'mod partikolari) permezz ta' missjonijiet u avvenimenti fiżiċi, virtwali jew ibridi.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

1.5.1. Sottoriforma: Strateġiji nazzjonali u reġjonali

Din is-sottoriforma tikkonsisti fl-iżvilupp ta' sensiela ta' strateġiji komprensivi ta' esportazzjoni li jindirizzaw pajjiżi u reġjuni ewlenin fil-mira, jiġifieri dawk li jirrappreżentaw potenzjal għoli ta' tkabbir għall-kumpaniji Estonjani. Dawn għandhom jinkludu kapitoli speċifiċi dwar l-opportunitajiet ta' esportazzjoni għas-settur tal-ICT u, b'mod aktar wiesa', soluzzjonijiet diġitali żviluppatti f'oqsma ta' applikazzjoni differenti (bħall-governanza, l-edukazzjoni jew it-trasport).

Dawn l-istrateġiji għandhom l-għan li jipprovdu pariri lill-kumpaniji li jidħlu jew li diġà joperaw fis-swieq ikkonċernati.

Il-pajjiżi u r-reġjuni li għandhom jiġu indirizzati mill-istrateġiji għandhom jiġu identifikati permezz ta' analiżi li għandha titwettaq bħala parti mill-implimentazzjoni ta' din is-submiżura.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titwettaq f'sinerġija mal-attivitajiet ta' Enterprise Estonia, fost sħab oħra.

1.5.2. Sottoriforma: Ċentri ta' negozju innovattivi fi swieq ewlenin tal-esportazzjoni

Din is-sottoriforma tikkonsisti fl-istabbiliment ta' ċentri tan-negozju f'seba' pajjiżi barranin (ġewwa u/jew barra l-Unjoni) meqjusa bħala swieq importanti tal-esportazzjoni. Dawn iċ-ċentri tan-negozju għandu jkun fihom tagħmir xieraq għal laqgħat fiżiċi, virtwali kif ukoll ibridi, riċevimenti u preżentazzjonijiet li se jiġu organizzati minn intrapriżi Estonjani fis-setturi kollha mmirati lejn is-suq partikolari. Dak it-tagħmir jista' jintuża wkoll barra mill-avvenimenti, għall-introduzzjoni lil kwalunkwe klijent potenzjali ta' raggruppament jew intrapriża partikolari fl-Estonja. Iċ-ċentri tan-negozju għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-kumpaniji Estonjani, jappoġġawhom lokalmment fl-attivitajiet ta' esportazzjoni tagħhom, u jgħinu biex jattiraw investituri barranin. L-attivitajiet taċ-ċentri tan-negozju għandhom jitwettqu f'sinerġija mal-attivitajiet tal-Intrapriża tal-Estonja, fost sħab oħra.

Il-post taċ-ċentri tan-negozju għandu jiġi identifikat wara analiżi li għandha titwettaq bħala parti mill-implimentazzjoni ta' din is-submiżura.

1.5.3. Sottoriforma: Gruppi tal-impatt globali tal-esportazzjoni elettronika u stadji virtwali

Din is-sottoriforma tikkonsisti fit-twaqqif ta' gruppi ta' rappreżentanti kemm tal-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll ta' partijiet ikkonċernati oħra, inklużi b'mod partikolari kumpaniji privati, u l-appoġġ għall-promozzjoni ta' prodotti u servizzi Estonjani (b'mod partikolari mis-settur tal-ICT) minn dawn il-gruppi, permezz ta' missjonijiet u parteċipazzjoni f'avvenimenti fiżiċi, virtwali jew ibridi.

L-implimentazzjoni ta' din is-sottoriforma tinkludi wkoll it-tisħiħ tal-promozzjoni ta' prodotti u servizzi Estonjani f'avvenimenti kbar bl-użu ta' għodod diġitali. L-hekk imsejħa "stadji virtwali" għandhom jgħolqu aktar opportunitajiet ta' parteċipazzjoni għall-partijiet ikkonċernati Estonjani u juru soluzzjonijiet diġitali Estonjani. Dawn il- "stadji virtwali" għandhom jikkonsistu f'soluzzjonijiet tekniċi li jikkombinaw elementi fiżiċi u diġitali biex jippermettu jew avveniment relatat mal-esportazzjoni fl-Estonja jilħaq udjenzi globali, jew l-esportaturi Estonjani jipparteċipaw f'avvenimenti globali organizzati barra mill-pajjiż.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titwettaq f'sinerġija mal-attivitajiet ta' Enterprise

Estonia, fost sħab oħra.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
1	1.1 trasformazzjoni diġitali fl-intrapriżi	Stadju importanti	Sejħa għal proposti bi kriterji għall-għoti u kundizzjonijiet għall-għoti	Pubblikazzjoni tal-avviż tas-sejħa għall-proposti				Q2	2022	Sejħa għal proposti biex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali tan-negozji, flimkien mal-kriterji tal-għoti, għandha tiġi ppubblikata mill-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni. Il-kriterji ta' evalwazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ għandhom jiġu definiti abbażi ta' analiżi tal-ħtiġijiet tal-kumpaniji Estonjani u l-impatt mistenni tal-miżura. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw ukoll li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.
2	1.1 trasformazzjoni diġitali fl-intrapriżi	Mira	Għoti ta' għotjiet		Numru ta' intrapriżi li qed jingħataw għotja	0	110	Q4	2023	L-għadd ta' intrapriżi li lilhom għandhom jingħataw għotjiet mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni biex jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali tagħhom f'konformità mas-sejħa għal proposti.

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
3	1.1 trasformazzjoni diġitali fl-intrapriżi	Mira	Għoti ta' għotjiet		Numru ta' intrapriżi li qed jingħataw għotja	110	230	Q4	2025	L-għadd ta' intrapriżi li lilhom għandhom jingħataw għotjiet mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni biex jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali tagħhom f'konformità mas-sejħa għal proposti.
4	1.2 żvilupp tal-kostruzzjoni elettronika	Stadju importanti	Adozzjoni ta' standards internazzjonali u l-aħjar prattiki għall-użu ta' teknoloġiji diġitali fil-kostruzzjoni	Adozzjoni ta' standards internazzjonali u l-aħjar prattiki				Q4	2024	Il-ħidma fuq l-adozzjoni ta' standards internazzjonali u l-aħjar prattiki għall-użu ta' teknoloġiji diġitali fil-kostruzzjoni u l-ġestjoni tal-bini għandha titmexxa u tiġi kkoordinata mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni, bl-introduzzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni tad-data dwar il-kostruzzjoni, il-ħolqien ta' bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku għall-materjali tal-kostruzzjoni u l-prodotti tal-kostruzzjoni u l-introduzzjoni ta' mmudellar tal-informazzjoni dwar il-bini fil-qasam tal-manutenzjoni tal-proprjetà.

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
5	1.2 żvilupp tal-kostruzzjoni elettronika	Stadju importanti	Disponibbiltà ta' servizzi pubbliċi fuq il-pjattaforma tal-kostruzzjoni elettronika	Dħul fis-servizz ta' interfaċċi bejn il-pjattaforma tal-kostruzzjoni elettronika u s-servizzi pubbliċi relatati				Q4	2025	Is-servizzi pubbliċi previsti fil-pjan ta' żvilupp tal-kostruzzjoni elettronika għandhom jiġu żviluppati, operattivi u magħmula pubbliċi fuq il-pjattaforma tal-kostruzzjoni elettronika. Il-materjal tat-taħriġ għandu jkun disponibbli wkoll għall-utenti. Dan jinkludi servizzi relatati mal-ambjent mibni — bħall-permessi tal-bini u tal-ippjanar, ir-reġistru tal-bini (ġurnal ta' abbord), u l-passaport tar-rinnovazzjoni.
6	1.2 żvilupp tal-kostruzzjoni elettronika	Mira	Tlestija ta' proġetti ta' żvilupp u ħolqien ta' prototipi		Għadd ta' proġetti li tlestew	0	102	Q4	2025	L-għadd ta' proġetti kkompletati għall-iżvilupp u/jew l-implimentazzjoni ta' għodod tal-kostruzzjoni diġitali u prototipi ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi bbażati fuq il-pjattaforma tal-kostruzzjoni elettronika.
7	1.3 żvilupp ta' servizzi diġitali ta' poloz tal-vjeġġ	Mira	żvilupp ta' pjattaformi tal-eFTI (Informazzjoni elettronika dwar it-Trasport tal-Merkanzija)		Għadd ta' proġetti mnedija	0	5	Q2	2023	L-għadd ta' proġetti li jiżviluppaw pjattaforma tal-eFTI li rċevew deċiżjoni pożittiva dwar l-għotja.
8	1.3 żvilupp ta' servizzi diġitali ta' poloz tal-vjeġġ	Mira	żviluppi fl-interfaċċa tal-ECMR (Nota ta' Kunsinna elettronika)		Għadd ta' proġetti mnedija	0	200	Q4	2024	L-għadd ta' proġetti li jippermettu li l-operaturi tat-trasport u tal-loġistika jkunu konnessi mal-pjattaformi tal-eFTI u jużaw l-eCMR li jkunu rċevew deċiżjoni pożittiva dwar l-għotja.

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
9	1.3 żvilupp ta' servizzi diġitali ta' poloz tal-vjeġġ	Mira	Għadd totali ta' proġetti li tlestew		Għadd ta' proġetti li tlestew	0	205	Q4	2025	L-għadd ta' proġetti tal-eFTI u tal-eCMR li tlestew, li jikkontribwixxu għall-iskjerament ta' poloz tal-vjeġġ diġitali.
10	1.3 żvilupp ta' servizzi diġitali ta' poloz tal-vjeġġ	Stadju importanti	Evalwazzjoni ex post tal-iżvilupp u l-użu tal-kontijiet tal-vjeġġ diġitali	Adozzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni ex post mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni				Q2	2026	Korp estern għandu janalizza l-impatt tal-miżura ta' appoġġ fuq is-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u jippreżenta rapport ta' evalwazzjoni, li għandu jiġi adottat mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni.
11	Ir-riforma tal-ħiliet tal-1.4 għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni sekondarja li tistabbilixxi t-termini ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni sekondarja				Q2	2022	Il-leġislazzjoni sekondarja meħtieġa għall-applikazzjoni u l-allokazzjoni tal-appoġġ għandha tidħol fis-seħħ. Il-kundizzjonijiet għall-appoġġ għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' digriet ministerjali, li għandu jiġi kkoordinat mal-Ministeru tal-Finanzi u maċ-Ċentru ta' Servizzi Kondiviżi tal-Istat. Id-digriet ministerjali għandu jikkonsisti mill-elementi li ġejjin: - l-għan tal-miżura, - deskrizzjoni tal-attivitajiet appoġġati, - benefiċjarji u gruppi fil-mira, - kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni, - spejjeż eliġibbli u simplifikazzjonijiet użati, - kondizzjonijiet għall-pagamenti, kundizzjonijiet għar-rappurtar u l-monitoraġġ.

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
12	Ir-riforma tal-ħiliet tal-1.4 għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji	Mira	Reġistrazzjoni f'attivitajiet ta' taħriġ		In-numru ta' parteċipanti	0	500	Q4	2023	L-għadd ta' persuni rreġistrati f'attivitajiet ta' taħriġ appoġġati taħt din il-miżura, li jikkonsistu f'sensibilizzazzjoni għall-maniġers tal-SMEs, u titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għall-ispeċjalisti tal-ICT. Minimu ta' 35 % tal-parteċipanti rreġistrati f'dawn l-attivitajiet ta' taħriġ għandhom ikunu nisa.
13	Ir-riforma tal-ħiliet tal-1.4 għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji	Mira	Tlestija ta' attivitajiet ta' taħriġ		In-numru ta' parteċipanti	0	2000	Q2	2026	L-għadd ta' persuni li lestew il-kors ta' taħriġ tagħhom permezz tal-attivitajiet ta' taħriġ appoġġati taħt din il-miżura, inkluż is-sensibilizzazzjoni għall-maniġers tal-SMEs, u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-ispeċjalisti tal-ICT. Minimu ta' 35 % tal-parteċipanti li jkunu lestew dawn l-attivitajiet ta' taħriġ għandhom ikunu nisa.
14	Ir-riforma tal-ħiliet tal-1.4 għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji	Mira	Għadd ta' moduli ġodda ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid		Għadd ta' kurrikuli rreġistrati fis-sistema ta' informazzjoni għat-taħriġ tal-Adulti tal-Estonja	0	5	Q4	2024	L-għadd ta' moduli ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid żviluppati b'kontenut dettaljat ta' taħriġ, struttura u materjali ta' taħriġ biex jiġi pprovdut taħriġ relatat mal-ħiliet diġitali. Kurrikuli ġodda żviluppati għal dawn il-moduli għandhom jiġu rreġistrati fis-sistema ta' informazzjoni għat-taħriġ tal-Adulti tal-Estonja.

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
15	Ir-riforma tal-ħiliet tal-1.4 għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji	Mira	Rieżami tal-istandards tal-kwalifiki għall-ispeċjalisti tal-ICT.		Numru ta' standards ta' kwalifika analizzati u adattati kif u jekk meħtieġ	0	5	Q4	2024	L-għadd ta' standards ta' kwalifika stabbiliti għall-ispeċjalisti tal-ICT mir-reġistru nazzjonali tal-istandards tal-kwalifiki li ġew analizzati u adattati kif u jekk meħtieġ.
16	1.5 appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin 1.5.1 strateġiji tal-pajjiżi u reġjonali	Stadju importanti	Preparazzjoni tal-iżvilupp ta' strateġiji	Tlestija tal-kompiti preparatorji				Q2	2022	Il-kompiti preparatorji meħtieġa għat-tfassil ta' strateġiji ta' esportazzjoni għandhom jitlestew. Dawn il-kompiti jinkludu: - analiżi ta' liema swieq esterni huma importanti għall-iżvilupp ta' strateġiji, - analiżi tal-interessi tan-negozji, immappjar tal-ħtiġijiet tal-intrapriżi esportaturi biex iżidu l-kompetittività tagħhom fis-swieq tal-esportazzjoni, il-klassifikazzjoni tal-ħtiġijiet.
17	1.5 appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin 1.5.1 strateġiji tal-pajjiżi u reġjonali	Stadju importanti	Akkwist ta' studji	Firma tal-kuntratti				Q2	2024	Sejħiet għall-offerti għat-tfassil ta' strateġiji u pakketti ta' prodotti bl-għan li tinkiseb informazzjoni dettaljata tas-suq dwar is-swieq barranin għandhom jitwettqu mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Il-kuntratti korrispondenti għandhom jiġu ffirmati.

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
18	1.5 appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin 1.5.1 strateġiji tal-pajjiżi u reġjonali	Mira	Numru ta' strateġiji ta' esportazzjoni tal-pajjiż u reġjonali		Għadd ta' strateġiji ppubblikati	0	13	Q2	2026	L-għadd ta' strateġiji ta' esportazzjoni nazzjonali u/jew reġjonali li għandhom jiġu żviluppati. Dawn l-istrateġiji għandhom jinkludu analiżijiet komprensivi u jipprovdu pariri intelliġenti proattivi għall-kumpaniji li jidħlu u joperaw fi swieq barranin.
19	1.5 appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin 1.5.2 ċentru ta' negozju innovattivi fi swieq ewlenin tal-esportazzjoni	Stadju importanti	Analiżi preparatorja biex jiġu definiti l-kontenut u l-postijiet taċ-ċentri tan-negozju	Twettiq ta' analiżi preparatorja				Q2	2022	Il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jħejji analiżi preparatorja li tippermetti d-definizzjoni tal-kontenut u l-postijiet taċ-ċentri tan-negozju. L-analiżi għandha tiżvela fejn għandhom jitwaqqfu ċentri tan-negozju biex tiżdied id-domanda għal prodotti u servizzi magħmula fl-Estonja fis-swieq tal-esportazzjoni.
20	1.5 appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin 1.5.2 Ċentri ta' negozju innovattivi fi swieq ewlenin tal-esportazzjoni	Mira	Numru ta' ċentri tan-negozju miftuħa		Numru ta' ċentri tan-negozju	0	7	Q2	2026	L-għadd ta' ċentri tan-negozju miftuħa mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin biex jappoġġaw kumpaniji biex jidħlu u joperaw fi swieq importanti tal-esportazzjoni, kif ukoll biex jgħinuhom jippromwovu prodotti u servizzi magħmula fl-Estonja b'mod li jqis l-ispeċifitàjiet tal-ambjent u l-kultura tan-negozju lokali.

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
21	1.5 appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin 1.5.3 gruppi tal-impatt globali tal-esportazzjoni elettronika u stadji virtwali	Stadju importanti	It-twaqqif ta' gruppi tal-impatt u l-għażla ta' destinazzjonijiet għal missjonijiet diġitali globali	Deċiżjonijiet dwar il-kompożizzjoni tal-gruppi tal-impatt u d-destinazzjonijiet tal-missjonijiet diġitali globali				Q2	2022	Abbażi ta' analiżi, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin għandu jagħżel destinazzjonijiet globali tal-missjoni diġitali u gruppi tal-impatt biex iżid il-valur miżjud tal-esportazzjonijiet tas-servizzi diġitali Estonjani, iżid il-kapaċità tal-esportazzjoni tal-kumpaniji Estonjani, fosthom il-kumpaniji tal-ICT b'mod partikolari, u jattira investimenti barranin addizzjonali għall-innovazzjoni.
22	1.5 appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin 1.5.3 gruppi tal-impatt globali tal-esportazzjoni elettronika u stadji virtwali	Mira	L-għadd ta' missjonijiet imwettqa mill-gruppi tal-impatt globali u l-għadd ta' avvenimenti ewlenin li fihom l-Estonja kienet irrappreżentata permezz ta' "stadji virtwali"		Total tal-għadd ta' missjonijiet u avvenimenti mwettqa	0	29	Q2	2026	Mill-inqas 14 missjoni għandhom jitwettqu mill-gruppi tal-impatt globali stabbiliti mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin biex jiżdied il-valur miżjud tal-esportazzjonijiet tas-servizzi diġitali Estonjani, tiżdied il-kapaċità tal-esportazzjoni tal-kumpaniji Estonjani, fosthom il-kumpaniji tal-ICT b'mod partikolari, u jiġu attirati investimenti barranin addizzjonali għall-innovazzjoni. L-Estonja għandha tkun rappreżentata permezz ta' "stadji virtwali" f'mill-inqas 15 avveniment.

B. KOMPONENT 2: L-AĊĊELLERAZZJONI TAT-TRANŻIZZJONI EKOLOĠIKA FL-INTRAPRIŻI

Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

L-objettiv tal-komponent tal-pjan Estonjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika fis-settur tan-negozju fl-Estonja u li jinħatfu l-opportunitajiet ta' negozju li jirrappreżenta. Il-komponent jikkonsisti f'żewġ riformi u sitt investimenti u għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi, iżid il-kapaċitajiet ta' R & Du ta' innovazzjoni ekoloġiċi u l-effiċjenza fir-riżorsi, jintroduċi mudelli ta' negozju ġodda u jtejjeb il-ħiliet u l-għarfien espert f'oqsma relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-miżuri taħt dan il-komponent jimmiraw għal approċċ komprensiv għat-tranżizzjoni ekoloġika li jindirizza l-fallimenti ewlenin tas-suq u jiffaċilita l-iżvilupp teknoloġiku u komportamentali biex tiżdied il-kompetittività tas-settur tan-negozju. Il-miżuri jappoġġaw ukoll l-iżvilupp ulterjuri tas-suq kapitali u l-ambjent tan-negozju.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-appoġġ għall-kapaċità tal-innovazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-iffukar tal-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, l-iżgurar ta' aċċess suffiċjenti għall-finanzjament (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2020), in-nuqqas ta' ħiliet (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2019) u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 fl-2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

2.1. Riforma: Tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi

L-objettiv tar-riforma huwa li ttejjeb it-tranżizzjoni ekoloġika fis-settur tan-negozju, li huwa mistenni li jkollha benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali billi n-negozji eżistenti jsiru aktar effiċjenti u favur l-ambjent (effiċjenza fir-riżorsi, ċertifikati ġodda ta' tranżizzjoni ekoloġika u awtorizzazzjonijiet tas-suq għall-prodotti) u billi jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kumpaniji ġodda tat-teknoloġija ekoloġika (l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi, opportunitajiet ġodda għall-valorizzazzjoni tal-bijo-riżorsi).

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-istabbiliment ta' Task Force għat-Tranżizzjoni Ekoloġika fuq bażi wiesgħa biex trawwem il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati tat-teknoloġija ekoloġika u l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ħames investimenti komplementari: 1. Ħiliet ekoloġiċi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika tal-kumpaniji; 2. Programmi ta' żvilupp ta' teknoloġija ekoloġika; 3. modernizzazzjoni tal-mudelli ta' negozju fil-kumpaniji tal-manifattura; 4. L-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi; u l-5. Il-Fond Ekoloġiku.

Ir-riforma hija interkonnessa mal-Komponent 1 peress li d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni qed jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi u tranżizzjoni ekoloġika fis-settur tan-negozju.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

2.2. Investment: Ħiliet ekoloġiċi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi

L-objettiv tal-investment huwa li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' għarfien espert ta' kwalità għolja biex tiġi implimentata t-tranżizzjoni ekoloġika fl-intrapriżi. L-investment jikkonsisti fl-introduzzjoni ta' programmi aġġornati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għall-adulti u l-modernizzazzjoni ta' programmi ta' studju fl-edukazzjoni għolja u vokazzjonali, kif ukoll l-iżvilupp u l-pilotaġġ ta'

programmi ta' taħriġ aktar flessibbli li joffru mikrokredenzjali, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet futuri tal-ekonomija ekoloġika.

Il-ħiliet ekoloġiċi huma definiti bħala ħiliet meħtieġa għall-impjiegi li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, it-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi u jinkludu introduzzjoni usa' tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari. F'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, l-istandards professjonali u l-profil tal-ħiliet għandhom jiġu aġġornati u, fejn xieraq, għandhom jiġu żviluppati profili ġodda, li jispeċifikaw l-eżiti tat-tagħlim mistennija u jagħżlu oqsma speċifiċi bl-akbar impatt fuq it-tranżizzjoni ekoloġika. Għandhom jiġu pprovduti opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid lill-persuni li jaħdmu f'setturi diġà affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika (l-enerġija, it-trasport, il-ġestjoni tal-iskart; industriji u setturi ġodda b'potenzjal għall-ħolqien ta' impjiegi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni ekoloġika jew marbuta magħha) u ma' daww li jixtiequ jibdli l-karriera tagħhom.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

2.3. Investment: Programmi ta' żvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi

L-investment għandu l-għan li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-kumpaniji billi jrawwem l-iżvilupp u t-tixrid ta' teknoloġiji ekoloġiċi innovattivi. L-investment huwa mistenni li jżid l-għadd ta' kumpaniji tat-teknoloġija ekoloġika intensiva fir-riċerka fis-suq u jappoġġa l-ekosistema tan-negozji ġodda. L-investment jikkonsisti f'appoġġ għal negozji ġodda u raggruppamenti ta' żvilupp b'enfasi fuq soluzzjonijiet integrati ta' teknoloġija ekoloġika permezz ta' diversi servizzi ta' żvilupp (inklużi aċċelleraturi, inkubazzjoni, żvilupp tan-negozju, żvilupp ta' prototipi, pilotaġġ) u titjib tal-kooperazzjoni bejn tipi differenti ta' organizzazzjonijiet u atturi li diġà huma attivi fis-suq (akkademja, negozji, partijiet ikkonċernati oħra).

L-enfasi tal-investment għandha tkun fuq l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari, mudelli ġodda ta' negozju, id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni. Il-proġetti appoġġati taħt l-investment għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għaż-żieda fil-produttività tar-riżorsi fl-Estonja.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

2.4. Investment: Modernizzazzjoni tal-mudelli ta' negozju fil-kumpaniji tal-manifattura

L-oġġettiv tal-investment huwa li jappoġġa l-bidla tal-mudelli kummerċjali fil-manifattura biex tiġi żgurata l-konformità tal-prodotti Estonjani mal-oġġettivi ambjentali u klimatiċi, inkluż mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, u tiżied il-kompetittività tal-kumpaniji tal-manifattura. Il-miżura għandha tappoġġa proġetti li jimmodernizzaw il-mudelli kummerċjali tal-kumpaniji tal-manifattura relatati mal-oġġettivi klimatiċi u ambjentali. Il-proġetti għandhom jintgħażlu abbażi ta' sejħa għal proposti.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għas-sejħa għal proposti għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁵; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁶; (III) attivitajiet relatati ma' miżblat tal-iskart, incineraturi⁷ u impjanti tat-

5 Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

6 Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwix possibbli. Parametri

trattament mekkaniku bijoloġiku⁸; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. Barra minn hekk, it-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu li jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

2.5. Investment: L-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi

L-oġġettiv tal-investment huwa li jtejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi tal-kumpaniji, inkluża l-effiċjenza enerġetika, b'enfasi partikolari fuq il-valorizzazzjoni ta' bijorizzazzjoni ta' bijoriżorsi li ma jintużawx biżżejjed bħar-residwi u l-prodotti sekondarji. L-investment għandu l-għan li jappoġġa l-innovazzjoni fit-teknoloġija tal-produzzjoni u l-iżvilupp tal-prodotti fl-intrapriżi u jikkontribwixxi għal soluzzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari.

Il-miżura għandha tappoġġa żewġ tipi ta' investimenti:

- il-promozzjoni ta' teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fir-riżorsi għall-impjanti industrijali;
- valorizzazzjoni tal-bijoriżorsi.

Il-proġetti għandhom jintgħażlu abbażi ta' sejħa għal proposti. Il-kriterji ewlenin għall-għażla tal-proġetti li jirċievu għotja għandhom jinkludu, skont ir-rilevanza, l-effiċjenza fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-effiċjenza fir-riżorsi, il-kosteffettività, it-tnaqqis tar-residwi u l-ġenerazzjoni tal-iskart, il-valur miżjud għall-bijoriżorsi u l-innovazzjoni tas-soluzzjonijiet li għandhom jiġu żviluppati.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għas-sejħa għal proposti għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream⁹; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li mhumex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁰; (III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi¹¹ u impjanti tat-

referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

- 7 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid tal-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.
- 8 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-iskop li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjant jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.
- 9 Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
- 10 Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.
- 11 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid tal-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-

trattament mekkaniku bijoloġiku¹²; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. Barra minn hekk, it-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu li jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

2.6. Investment: Il-Fond Ekoloġiku

L-oġġettiv tal-investment huwa li jipprovdi kapital għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi ġodda f'oqsma strateġiċi bħall-enerġija, l-agrikoltura, l-industrija tal-ikel, it-trasport u l-loġistika, il-materjali u l-industrija kimika. Il-Fond Ekoloġiku għandu jipprovdi finanzjament għal kumpaniji u setturi li l-prodotti, is-servizzi jew il-proċessi tagħhom huma kkaratterizzati minn teknoloġiji ekoloġiċi intensivi fir-riċerka u li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu biex isolvu problemi ambjentali, jiżviluppaw prodotti, servizzi jew teknoloġiji ġodda li jnaqqsu jew jaqdbu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew li huma xprunati minn rekwiżiti tal-ekodisinn. L-investimenti għandhom isiru fi proġetti sostenibbli, filwaqt li jitqies ir-Regolament tal-UE dwar it-Tassonomija.

Il-miżura għandha tiġi implimentata bħala strument finanzjarju bħala parti minn programm usa' ta' investment fit-teknoloġija ekoloġika li jipprovdi investimenti ta' ekwità lill-kumpaniji fil-forma ta' investimenti diretti ta' ekwità u permezz ta' fondi ta' kapital ta' riskju, ġestiti mill-manijer tal-fondi pubbliċi SmartCap.

Il-miżura għandha tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01). Il-Ftehim legali ffirmat bejn l-Estonja u SmartCap u l-politika ta' investment sussegwenti tal-Fond Ekoloġiku għandhom:

- i. jirrikjedu l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u
- ii. tirrikjedi li l-kumpaniji li jkunu dderivati aktar minn 50 % tad-dħul tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti mill-attivitajiet u/jew l-assi li ġejjin jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹³; (II) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li mhumx inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁴; (III) attivitajiet u assi relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi¹⁵ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku¹⁶; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-

irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- 12 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-iskop li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjant jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.
- 13 Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
- 14 Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.
- 15 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid tal-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-

rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u

- iii. jirrikjedu l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarju minn SmartCap għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

2.7. Investiment: Il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli

L-oġettiv tal-investiment huwa li jappoġġa l-użu u l-pilotaġġ ta' ktajjen tal-valur integrati tal-idroġenu mill-produzzjoni tal-enerġija u s-soluzzjonijiet tal-provvista sal-konsum finali f'oqsma ta' applikazzjoni differenti.

Il-proġetti li għandhom jiġu appoġġati għandhom jintgħażlu wara sejħa għal proposti. Is-sejħa għall-proposti hija miftuħa għal proġetti mis-setturi ekonomiċi kollha. L-elettriku użat għall-produzzjoni tal-idroġenu għandu jiġi prodott minn enerġija rinnovabbli u l-konsum tal-idroġenu ekoloġiku għandu jsir fl-Estonja.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għas-sejħa għal proposti għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream¹⁷; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet proġettati ta' gassijiet serra li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁸; (III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, incineraturi¹⁹ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku²⁰; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. Barra minn hekk, it-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu li jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- 16 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-iskop li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjant jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.
- 17 Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
- 18 Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet proġettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiewx possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.
- 19 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid tal-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.
- 20 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-iskop li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjant jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

2.8. Investment: Appoġġ ta' Investment fis-Sigurtà tal-Provvista

L-oġġettiv tal-investment huwa li jappoġġa t-tranżizzjoni ta' kumpaniji minn sorsi ta' enerġija fossili għal sorsi alternattivi ta' provvista tal-enerġija. Is-sorsi alternattivi ta' provvista ta' enerġija eliġibbli huma dawn li ġejjin:

- sorsi ta' enerġija rinnovabbli skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2018/2011 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II);
- applikazzjonijiet ta' ħżin wara l-miter;
- elettrifikazzjoni; u
- konnessjoni ma' sistemi ta' tisħin distrettwali effiċjenti f'konformità mad-Direttiva 2012/27/UE (id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika).

L-attivitajiet appoġġati għandhom jinkludu x-xiri, l-installazzjoni u x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati ta' tagħmir meħtieġ għall-qlib għal sorsi alternattivi tal-provvista tal-enerġija kif elenkati hawn fuq.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji tal-eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għas-sejħa għall-proposti għandhom jiżguraw li s-sorsi tal-provvista tal-enerġija alternattivi elenkati hawn fuq biss għandhom jiġu appoġġati. Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli appoġġati għandhom ikunu konformi mad-Direttiva (UE) 2018/2011 u, b'mod partikolari, mal-kriterji tal-bijoenerġija, is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikoli 29–31 u r-regoli dwar l-ikel u l-bijoenerġija abbażi tal-għalf stabbiliti fl-Artikolu 26 ta' din id-Direttiva tal-aħħar għandhom jiġu rispettati. L-attivitajiet ġeotermali ma għandhomx jinkludu l-esplorazzjoni jew l-estrazzjoni taż-żejt jew tal-gass u lanqas it-tagħmir użat għal tali finijiet. Għandu jiġi żgurat li r-rilaxxi tal-metan jiġu minimizzati u jibqgħu ferm taħt il-limitu ta' 20 000 tunnellata ta' CO₂eq/sena. Il-kriterjita' eliġibbiltà fis-sejħa għal proposti għandhom jeskludu attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li mhumwiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività tikseb emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li ma jkunux aktar baxxi b'mod sinifikanti, iżda xorta aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
						Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
23	2.1 tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi	Stadju importanti	Il-ħolqien ta' Task Force għat-Tranżizzjoni Ekoloġika biex timplimenta u timmonitorja t-tranżizzjoni ekoloġika	Twaqqif ta' task force u gruppi ta' ħidma				Q4	2021	Il-Ministeru għall-Ambjent għandu jirriforma l-Grupp ta' Ħidma eżistenti dwar it-Teknoloġija Ekoloġika (stabbilit fl-2020) fit-Task Force għal Tranżizzjoni Ekoloġika tal-RRP biex jikkoordina l-miżuri dwar it-tranżizzjoni ekoloġika tal-kumpaniji u jtejjeb il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fost is-settur pubbliku, il-partijiet ikkonċernati u l-gruppi ta' interess. Il-gruppi ta' ħidma meħtieġa għandhom jiġu stabbiliti għal miżuri speċifiċi.
24	2.1 tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari mit-Task Force għal Tranżizzjoni Ekoloġika	Ġie adottat Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari				Q4	2022	It-Task Force għat-Tranżizzjoni Ekoloġika għandha tirrieżamina l-attivitajiet eżistenti tal-Ekonomija Ċirkolari u l-pjanijiet ta' azzjoni differenti fi Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari uniku li se jmexxi t-tranżizzjoni Estonjana lejn Ekonomija Ċirkolari.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
25	2.2 ħiliet ekoloġiċi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni sekondarja li tistabbilixxi t-termini ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni sekondarja				Q2	2022	Il-leġiżlazzjoni sekondarja meħtieġa għall-applikazzjoni u l-allokazzjoni tal-appoġġ għandha tidħol fis-seħħ. Għandu jkun fih dispożizzjonijiet li jiżguraw li kwalunkwe azzjoni appoġġata taħt din il-miżura tkun iffukata fuq oqsma li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima.
26	2.2 ħiliet ekoloġiċi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi	Mira	Għadd ta' moduli ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid		Għadd ta' moduli	0	5	Q4	2024	L-għadd ta' moduli ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid żviluppati inkluż kontenut ta' taħriġ dettaljat, struttura u materjali ta' taħriġ biex jiġi pprovdut taħriġ relatat mal-ħiliet ekoloġiċi.
27	2.2 ħiliet ekoloġiċi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi	Mira	Persuni li jieħdu sehem fi programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid		In-numru ta' parteċipanti	0	2830	Q2	2026	L-għadd ta' persuni li lestew wieħed mill-korsijiet ta' taħriġ appoġġati permezz ta' din il-miżura.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
28	2.3 programm ta' żvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi	Stadju importanti	Stabbiliment ta' grupp ta' ħidma biex jippjana u jistabbilixxi l-programm ta' żvilupp	Reklutaġġ ta' maniġer tal-proġett u twaqqif ta' grupp ta' ħidma				Q4	2021	Għandu jiġi reklutat maniġer ta' proġett u għandu jitwaqqaf grupp wiesa' ta' partijiet ikkonċernati biex jikkoordina l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-investiment. Ir-rwol tal-maniġer tal-proġett għandu jiġi stabbilit biex jiġbor informazzjoni mill-parteċipanti fis-suq u jfassal il-miżuri ta' appoġġ u l-akkwist meħtieġa. Il-grupp ta' ħidma għandu jkun magħmul minn partijiet involuti fl-iżvilupp tal-intraprenditorija u għandu jimpenja ruħu li jiltaqa' mill-inqas tliet darbiet fis-sena biex jevalwa l-iżviluppi fl-attivitajiet relatati mal-investiment u jipprovdi rakkomandazzjonijiet għal azzjoni ulterjuri. Il-grupp ta' ħidma għandu jfassal dispożizzjonijiet relatati mal-għażla ta' azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programm ta' żvilupp b'tali mod li jiġi żgurat li kull azzjoni tikkontribwixxi direttament jew għattnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew għall-appoġġ tal-adattament għat-tibdil fil-klima.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
29	2.3 programm ta' żvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi	Stadju importanti	Twaqqif tal-Programm għall-Iżvilupp tat-Teknoloġiji Ekoloġiċi	Kuntratti ffirmati għar-raggruppamenti kollha ta' żvilupp u miżuri ta' appoġġ imfassla u miftuħa				Q2	2024	Il-proċessi tal-akkwist pubbliku għal mill-inqas 5 raggruppamenti ta' żvilupp għandhom jitlestew u l-kuntratti għandhom jingħataw lill-partijiet rebbieħa. Għandhom jitfasslu miżuri ta' appoġġ u l-ewwel ċikli tagħhom għandhom jinfetħu għal mill-inqas 10 negozju ġdid. Il-proċessi tal-għażla għandhom jiżguraw li kull azzjoni appoġġata tikkontribwixxi direttament jew għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew għall-appoġġ tal-adattament għat-tibdil fil-klima.
30	2.3 programm ta' żvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi	Mira	Għadd ta' raggruppamenti appoġġati permezz tal-Programm għall-Iżvilupp tat-Teknoloġija Ekoloġika		Għadd ta' raggruppamenti	0	5	Q2	2026	Għadd ta' raggruppamenti appoġġati mill-programm ta' żvilupp.
31	2.3 programm ta' żvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi	Mira	Għadd ta' negozji ġodda appoġġati permezz tal-Programm għall-Iżvilupp tat-Teknoloġija Ekoloġika u li rċevew investiment privat		Għadd ta' negozji ġodda	0	10	Q2	2026	L-għadd ta' negozji ġodda appoġġati mill-programm ta' żvilupp u li rċevew riżorsi minn investituri privati matul jew wara l-programm ta' żvilupp.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
32	2.4 Modernizzazzjoni tal-mudelli ta' negozju fil-kumpaniji tal-manifattura	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-digriet ministerjali li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-għoti tal-eliġibbiltà	Dħul fis-seħħ tad-digriet ministerjali				Q2	2022	Il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ għandhom jiġu ppromulgati b' digriet tal-ministru responsabbli. Ir-rekwiżiti stabbiliti għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà biex jiġi żgurat li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz ta' lista ta' esklużjoni u konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla/eliġibbiltà għandhom jispeċifikaw li l-attivitàjiet appoġġati u/jew l-intrapriżi jikkontribwixxu għal ekonomija newtrali għall-klima, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima inklużi objettivi tal-ekonomija ċirkolari bħall-implimentazzjoni interna tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, it-trasferiment tat-trasport u l-ħżin tal-kumpaniji għal fondazzjonijiet ġodda.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
33	2.4 Modernizzazzjoni tal-mudelli ta' negozju fil-kumpaniji tal-manifattura	Mira	Għadd ta' proġetti appoġġati		Għadd ta' proġetti	0	70	Q4	2025	Proġetti li jkunu rċewew żborż ta' għotja f'konformità mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fis-sejħa għal proposti biex jiġu introdotti mudelli ta' negozju li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, inklużi l-oġġettivi tal-ekonomija ċirkolari.
34	2.5 l-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti għal għotjiet	Pubblikazzjoni tal-avviż għal sejħiet għal proposti għal għotjiet				Q2	2022	Is-sejħa għal proposti biex jiġu appoġġati teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-valorizzazzjoni tal-bijoriżorsi għandha tiġi ppubblikata u miftuħa għall-applikazzjonijiet, inklużi kriterji ta' eliġibbiltà biex jiġi żgurat li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz ta' lista ta' esklużjoni u konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla/eliġibbiltà għandhom jispeċifikaw li l-attivitajiet appoġġati u/jew l-intrapriżi jikkontribwixxu għal ekonomija newtrali għall-klima, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
35	2.5 l-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi	Mira	Għadd ta' proġetti mogħtija għotjiet wara s-sejħa għal proposti		Għadd ta' proġetti	0	36	Q4	2023	L-għoti ta' għotjiet lil 36 proġett magħżula taħt is-sejħa kompetittiva għall-proposti, għat-teknoloġiji ekoloġiċi għall-impjanti industrijali u għall-valorizzazzjoni tal-bijoriżorsi, f'konformità mat-termini ta' referenza.
36	2.5 l-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi	Mira	Għadd ta' proġetti li tlestew		Għadd ta' proġetti	0	36	Q2	2026	L-għadd ta' proġetti li tlestew biex tittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi permezz tat-titjib tat-teknoloġiji ekoloġiċi u l-bijoriżorsi, abbażi ta' sejħiet għal proposti u kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
37	2.6 fond Ekoloġiku	Stadju importanti	Firma ta' ftehim kuntrattwali bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni u SmartCap	Firma ta' ftehim kuntrattwali				Q4	2021	Għandu jiġi ffirmat ftehim kuntrattwali bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni u SmartCap għall-ġestjoni tal-Fond Ekoloġiku, li għandu jkun fih: - Obiettivi ta' investiment għall-investiment f'intrapriżi u attivitajiet li jikkontribwixxu għal ekonomija newtrali għall-klima u għat-titjib tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, inklużi miżuri ta' sensibilizzazzjoni, Il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tal-benefiċjarji appoġġati permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
38	2.6 fond Ekoloġiku	Stadju importanti	Adozzjoni tad-dokument ta' politika ta' investiment minn SmartCap	Dokument ta' politika ta' investiment adottat minn SmartCap				Q4	2021	SmartCap għandu jadotta l-politika ta' investiment għall-Fond Ekoloġiku, f'konformità mal-ftehim kuntrattwali ffirmat bejn il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni u SmartCap, inklużi l-oġettivi ta' investiment u l-kriterji ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tal-benefiċjarji appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, ir-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali, u r-rekwiżit għall-benefiċjarji li kisbu aktar minn 50 % tad-dħul tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn attivitajiet jew assi fil-lista ta' esklużjoni biex jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika.
39	2.6 fond Ekoloġiku	Mira	Volum ta' investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju jew investimenti ta' ekwità f'intrapriżi		Volum ta' kapital investit (f'EUR)	0	55 000 000	Q4	2024	Mill-inqas EUR 55 miljun (eskluż l-infiq operattiv) għandhom jiġu investiti mill-Fond Ekoloġiku f'fondi ta' kapital ta' riskju jew intrapriżi f'konformità mal-politika ta' investiment.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
40	2.6 fond Ekoloġiku	Mira	Volum ta' investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju jew investimenti ta' ekwità f'intrapriżi		Volum ta' kapital investit (f'EUR)	55 000 000	90 000 000	Q2	2026	Mill-inqas EUR 90 miljun (eskluż l-infiq operattiv) għandhom jiġu investiti mill-Fond Ekoloġiku f'fondi ta' kapital ta' riskju jew intrapriżi f'konformità mal-politika ta' investiment.
41	2.7 il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-digriet ministerjali li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ	Dħul fis-seħħ tad-digriet ministerjali				Q4	2022	L-iżvilupp ta' kriterji tal-għażla tal-proġetti, u d-dħul fis-seħħ tad-digriet ministerjali dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ għal proġetti relatati mat-teknoloġiji integrati tal-idroġenu ekoloġiku. It-termini ta' referenza għal dan l-appoġġ għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-oġettivi tal-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.
42	2.7 il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli	Stadju importanti	Teknoloġiji u tagħmir għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku	L-akkwist, l-installazzjoni u l-bidu tal-operat ta' teknoloġiji u tagħmir				Q3	2025	It-tagħmir meħtieġ għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku għandu jinxxtara, jiġi installat u jitħaddem mill-promoturi tal-proġetti magħżula fis-sejħa għall-proposti.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
43	2.7 il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli	Mira	Għotjiet allokatati għal teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli li jirrappreżentaw mill-inqas EUR 49.49 miljun		EUR	0	49 490 000	Q2	2026	L-għotjiet għandhom jiġu allokatati għal investimenti f'teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli f'konformità mal-politika ta' investiment, li jirrappreżentaw mill-inqas EUR 49.49 miljun.
43a	2.8 appoġġ għall-investiment fis-sigurtà tal-provvista	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tas-sejħa għall-proposti għall-għotjiet	Pubblikazzjoni tal-avviż għal sejħa għal proposti għal għotjiet				Q4	2023	Sejħa għal proposti biex jiġu appoġġati proġetti ta' investiment għat-tranżizzjoni ta' kumpaniji minn sorsi tal-enerġija fossili għal sorsi alternattivi tal-provvista tal-enerġija għandha tiġi ppubblikata u miftuħa għall-applikazzjonijiet, inklużi kriterji ta' eliġibbiltà biex jiġi żgurat li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz ta' rekwiżiti relatati ma' sorsi alternattivi ta' enerġija eliġibbli appoġġati u attivitajiet appoġġati kif stabbilit fid-deskrizzjoni tal-miżura u l-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Unità ta' kejl	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)		Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
43b	2.8 appoġġ għall-investiment fis-sigurtà tal-provvista	Mira	Għadd ta' proġetti mogħtija wara s-sejħa għall-proposti		Proġetti mogħtija	0	70	Q4	2024	Mill-inqas 70 proġett ingħataw appoġġ għal investimenti għat-tranżizzjoni ta' kumpaniji minn sorsi ta' enerġija fossili għal sorsi alternattivi ta' provvista tal-enerġija. Il-proġetti għandhom ikunu konformi mal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fis-sejħa għall-proposti.
43c	2.8 appoġġ għall-investiment fis-sigurtà tal-provvista	Mira	Għadd ta' proġetti li tlestew		Proġetti li tlestew	0	70	Q2	2026	Għandhom jitlestew mill-inqas 70 proġett li jappoġġaw l-investimenti għat-tranżizzjoni ta' kumpaniji minn sorsi tal-enerġija fossili għal sorsi alternattivi tal-provvista tal-enerġija. Il-proġetti għandhom ikunu konformi mal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fis-sejħa għall-proposti.

C. KOMPONENT 3: L-ISTAT DIĠITALI

Filwaqt li jibni fuq l-użu b'suċċess tat-teknoloġiji diġitali għat-twassil ta' servizzi pubbliċi fl-Estonja matul dawn l-aħħar snin, dan il-komponent tal-pjan Estonjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jkompli jaġġorna s-servizzi tal-gvern diġitali, b'mod partikolari f'termini ta' ċentralità tal-utent u reżiljenza (inkluż fid-dawl tat-theddid dejjem akbar għaċ-ċibersigurtà). Il-komponent jinkludi miżuri li jippermettu li jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet offruti mill-aħħar teknoloġiji, speċjalment l-intelliġenza artifiċjali, iżda wkoll tfassil mill-ġdid sinifikanti ta' servizzi kemm front-end kif ukoll back-end. Huma għandhom ikunu ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji. Huma previsti azzjonijiet speċifiċi sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-pajjiż fil-għieda kontra l-ħasil tal-flus. L-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna fiż-żoni rurali huwa mistenni wkoll li jiżgura aċċess usa' għas-servizzi online u, b'mod aktar ġenerali, jikkontribwixxi għal aktar trasformazzjoni diġitali tal-pajjiż.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-investiment fit-tranżizzjoni diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2020) u dwar il-qafas kontra l-ħasil tal-flus (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 fl-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

3.1. Riforma: Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' ċentru ta' eċċellenza għall-governanza tad-data u d-data miftuħa

L-għan tal-miżura huwa li trawwem ġestjoni aħjar tad-data miġbura u miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi Estonjani. Għandha l-għan li ttejjeb il-kwalità tad-data, iżżid l-użu tagħha għat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll id-disponibbiltà tagħha bħala data miftuħa, sabiex tkun tista' terġa' tintuża wkoll minn partijiet ikkonċernati oħra.

Il-miżura tikkonsisti fi:

- il-ħolqien ta' ċentru ta' eċċellenza fi ħdan Statistics Estonia (l-aġenzija tal-gvern Estonjan responsabbli għall-produzzjoni ta' statistika uffiċjali) biex jikkoordina u jappoġġa l-iżvilupp tal-governanza tad-data f'awtoritajiet pubbliċi oħra,
- l-iżvilupp ta' għodod ta' governanza tad-data u tal-kondiviżjoni tad-data/sistemi ta' informazzjoni,
- l-implimentazzjoni ta' proġetti li għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità tad-data miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi u li jżidu d-disponibbiltà tad-data miftuħa.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

3.2. Riforma: Żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u servizzi pubbliċi diġitali proattivi għall-individwi

L-għan tal-miżura huwa li ttejjeb l-effiċjenza tal-għoti ta' servizzi pubbliċi u tnaqqas il-piż amministrattiv għaċ-ċittadini.

Il-miżura tikkonsisti fit-tfassil mill-ġdid ta' serje ta' servizzi pubbliċi (u s-sistemi tal-IT sottostanti)

sabiex tippermetti t-twettiq awtomatiku u proattiv tagħhom abbażi ta' avvenimenti tal-ħajja jew tan-negozju esperjenzati miċ-ċittadini (bħal żwieġ, it-twelid ta' wild jew il-ħolqien ta' intrapriża). B'mod partikolari għandha tippermetti integrazzjoni aħjar tas-sistemi tal-IT fost l-awtoritajiet pubbliċi differenti u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' darba biss.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

3.3. *Riforma: Żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u portal diġitali għall-imprendituri*

L-għanijiet tal-miżura huma li ttejjeb l-effiċjenza u l-kwalità tal-għoti tas-servizzi pubbliċi u tnaqqas il-piż amministrattiv għall-intraprendituri.

Il-miżura tikkonsisti fl-istabbiliment ta' portal diġitali wieħed għat-twassil ta' servizzi pubbliċi lill-imprendituri u t-tfassil mill-ġdid ta' serje ta' servizzi (u s-sistemi tal-IT sottostanti) sabiex jiġu interfaccjati mal-gateway, tiġi appoġġata l-faċilità tal-użu tas-servizzi, l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' darba biss u, kull meta jkun possibbli, jiġi permess it-twassil proattiv ta' informazzjoni bbażata fuq avvenimenti esperjenzati min-negozji.

Hija għandha tqis is-soluzzjonijiet żviluppati fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1724 li jistabbilixxi portal diġitali uniku li jipprovdi informazzjoni, proċeduri, u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

3.4. *Investiment: Programm #Bürokratt (pjattaforma u ekosistema nazzjonali ta' assistenti virtwali)*

L-għan tal-miżura huwa li ttejjeb il-faċilità tal-użu u l-aċċessibbiltà tas-servizzi pubbliċi fl-Estonja.

Il-miżura tikkonsisti fl-iżvilupp ta' assistent virtwali tal-IA bbażat fuq id-diskors u t-test għall-aċċess għas-servizzi pubbliċi online. Il-ħidma għandha tibni fuq proġetti pilota diġà mwettqa fl-2020 u l-2021.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

3.5. *Investiment: Rikonfigurazzjoni ta' servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud*

L-oġettiv tal-miżura huwa li żżid ir-reżiljenza, is-sigurtà u l-affidabbiltà tas-sistemi u s-servizzi tal-IT tal-awtoritajiet pubbliċi Estonjani permezz tal-migrazzjoni tagħhom lejn cloud privat u permezz ta' ttestjar komprensiv tas-sigurtà.

Il-miżura tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

- il-ħolqien ta' korp pubbliku ġdid inkarigat mit-tmexxija ċentrali tas-servizzi u l-infrastrutturi bażiċi tal-IT tal-istituzzjonijiet pubbliċi,
- L-istabbiliment ta' kapaċità ġdida ta' ttestjar tas-sigurtà fi ħdan l-Awtorità Estonjana tas-Sistema ta' Informazzjoni (RIA),
- l-akkwist ta' riżorsi ta' infrastruttura privata tal-cloud,
- il-migrazzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni eżistenti għall-cloud privat,
- l-ittestjar komprensiv tas-sigurtà ta' sistemi ta' informazzjoni ġodda bbażati fuq il-cloud użati mill-awtoritajiet pubbliċi, kif ukoll ta' sistemi ta' informazzjoni eżistenti,
- l-iżvilupp tal-kapaċità tal-ambaxxata tad-data (jiġifieri kapaċitajiet ta' hosting tal-IT stabbiliti

barra mill-pajjiż biex tiġi żgurata l-kontinwità tad-disponibbiltà ta' bażijiet tad-data kritiċi f'każ ta' diżastru), abbażi tal-proġett pilota mwettaq bejn l-2017 u l-2020 fil-Lussemburgu,

- l-estensjoni tal-cloud privat għall-ambaxxata tad-data, sabiex is-sistemi migratorji lejn il-cloud ikunu jistgħu jiġu ospitati wkoll fl-ambaxxata tad-data u operati minnha,
- il-migrazzjoni ta' sistemi kritiċi għall-infrastruttura tal-ambaxxata tad-data.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

3.6. *Riforma: L-istabbiliment tal-analiżi strateġika tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-Estonja*

L-oġettiv tar-riforma huwa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja biex tidentifika skemi u kanali tal-ħasil tal-flus fi stadju bikri.

Il-miżura tikkonsisti fl-istabbiliment ta' Ċentru għall-Analiżi Strateġika fi ħdan l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja. Dan iċ-Ċentru għall-Analiżi Strateġika huwa mistenni li jippermetti prevenzjoni u detezzjoni aktar operazzjonali u aktar effiċjenti tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. It-tim taċ-Ċentru għall-Analiżi Strateġika għandu jkun inkarigat b'mod partikolari mill-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet għal għodda tal-IT ġdida bbażata fuq data disponibbli minn sorsi differenti. Iċ-Ċentru għall-Analiżi Strateġika jista' jidentifika wkoll il-bidliet leġiżlattivi meħtieġa.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

3.7. *Investiment: Sistema ta' informazzjoni għall-analiżi strateġika f'ħin reali tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu*

Filwaqt li jibni fuq l-analiżi mwettaqta bħala parti mill-implimentazzjoni tar-riforma 3.6, l-investiment għandu l-għan li jipprovdi lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja b'sistema tal-IT iddedikata ġdida li tippermetti l-isfruttament tad-data disponibbli minn awtoritajiet differenti u l-identifikazzjoni ta' skemi u kanali possibbli ta' ħasil tal-flus f'ħin reali. Il-miżura tikkonsisti fl-iżvilupp tas-sistema l-ġdida tal-IT.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

3.8. *Investiment: Kostruzzjoni ta' networks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna*

L-oġettiv tal-investiment huwa li jtejjeb l-aċċess għal networks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna (VHCN), li joffru konnessjoni ta' mill-inqas 100 Mbps, għall-unitajiet domestiċi u l-istituzzjonijiet soċjoekonomikament importanti bħall-isptarijiet, l-iskejjel, is-servizzi pubbliċi u n-negozji.

Il-miżura tikkonsisti fl-ġoti ta' appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' networks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna f'żoni ta' falliment tas-suq (skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52 tar-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014). Il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla użati biex jiġi allokat il-finanzjament għandhom jiżguraw bilanċ reġjonali xieraq.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
44	3.1 il-ħolqien u l-iżvilupp ta' ċentru ta' eċċellenza għall-governanza tad-data u d-data miftuħa	Stadju importanti	It-twaqqif ta' tim għall-ġestjoni tad-data fl-Uffiċċju tal-Istatistika, fil-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni u fl-Awtorità tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Istat	L-istabbiliment tal-istruttura organizzattiva meħtieġa għall-koordinazzjoni tal-ġestjoni tad-data				Q4	2021	Il-ħolqien ta' Tim tal-Ġestjoni tad-Data fi Statistics Estonia permezz tar-reklutaġġ ta' persunal espert bil-kompitu li jikkoordina l-qafas ta' governanza tad-data u jappoġġa awtoritajiet pubbliċi oħra. Barra minn hekk, għandhom jinħolqu karigi fil-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni u fl-Aġenzija tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Istat biex jitwettqu proġetti ta' iżvilupp. Sa tmiem l-2021, mill-inqas ħames persuni għandhom jiġu reklutati fit-tliet entitajiet.
45	3.1 il-ħolqien u l-iżvilupp ta' ċentru ta' eċċellenza għall-governanza tad-data u d-data miftuħa	Mira	Tlestija ta' proġetti ta' titjib tal-kwalità tad-data		Għadd ta' proġetti	0	430	Q2	2025	L-għadd ta' proġetti kkompletati li jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' użu mill-ġdid imtejjeb tad-data mill-istituzzjonijiet pubbliċi, b'deskrizzjonijiet aġġornati u preċiżi tal-bażijiet tad-data u s-settijiet tad-data.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
46	3.1 il-ħolqien u l-iżvilupp ta' ċentru ta' eċċellenza għall-governanza tad-data u d-data miftuħa	Mira	Pubblikazzjoni ta' settijiet ta' data fuq il-portal nazzjonali tad-data miftuħa		Għadd ta' settijiet ta' data ppubblikati	707	2600	Q4	2025	L-għadd ta' settijiet ta' data ppubblikati fuq il-Portal Nazzjonali tad-Data Miftuħa u għalhekk disponibbli mill-portal tad-Data Miftuħa tal-UE għandu jkollha minn 707 fit-13 ta' Awwissu 2021 għal 2600.
47	3.2 żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u servizzi pubbliċi diġitali proattivi għall-individwi	Mira	Tnedija ta' servizzi ta' avvenimenti tal-ħajja personali u/jew servizzi proattivi		Għadd ta' servizzi li huma operazzjonali	0	2	Q4	2022	L-għadd ta' servizzi ta' avvenimenti għall-ħajja ta' ċittadini u/jew servizzi proattivi mmedija online. Is-soluzzjonijiet tal-IT korrispondenti li jippermettu l-forniment tas-servizzi għandhom ikunu operattivi mill-inqas fil-partijiet bażiċi ta' servizz partikolari u jkunu soġġetti għal żvilupp ulterjuri matul l-implimentazzjoni tal-miżura. L-għażla tas-servizzi kkonċernati għandha tkun ibbażata fuq il-pjan ta' żvilupp għal avveniment tal-ħajja personali u servizzi proattivi.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
48	3.2 żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u servizzi pubbliċi diġitali proattivi għall-individwi	Mira	Tnedija ta' servizzi ta' avvenimenti tal-ħajja personali u/jew servizzi proattivi		Għadd ta' servizzi li huma operazzjonali	2	10	Q4	2025	L-għadd ta' servizzi ta' avvenimenti għall-ħajja taċ-ċittadini u/jew servizzi proattivi mnedija online. Is-soluzzjonijiet tal-IT korrispondenti li jippermettu l-forniment tas-servizzi għandhom ikunu operattivi mill-inqas fil-partijiet bażiċi ta' servizz partikolari u jkunu soġġetti għal żvilupp ulterjuri matul l-implimentazzjoni tal-miżura. L-għażla tas-servizzi kkonċernati għandha tkun ibbażata fuq il-pjan ta' żvilupp għal avveniment tal-ħajja personali u servizzi proattivi.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
49	3.3 żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u gateway diġitali għall-imprendituri	Mira	L-iskjerament ta' żviluppi tal-IT li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tas-servizzi ta' avvenimenti kummerċjali u l-portal		L-għadd ta' proġetti li implimentaw b'suċċess żviluppi ġodda online	0	1	Q4	2022	L-għadd ta' proġetti ta' żvilupp tal-IT li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tas-servizzi ta' avvenimenti kummerċjali u l-portal li implimentaw b'suċċess żviluppi ġodda online. Dawn il-proġetti ta' żvilupp għandhom ikunu jew direttament relatati mal-iżvilupp tal-gateway diġitali għall-imprendituri jew mal-iżvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti kummerċjali, li addizzjonalment jinkludu l-iżvilupp ta' diversi sistemi relatati għall-interazzjoni mal-portal diġitali. Bħala riżultat ta' kull proġett ta' żvilupp, għandha titlesta mill-inqas soluzzjoni tal-IT li tiffunzjona b'mod minimu (jiġifieri, is-soluzzjoni tal-IT għandha tkun operattiva mill-inqas fil-partijiet bażiċi għall-utenti finali (imprendituri) u għandha tkun kapaċi tipprovdi feedback għal ħtiġijiet ulterjuri ta' żvilupp matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tar-riforma jew wara).

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
50	3.3 żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u gateway diġitali għall-imprendituri	Mira	L-iskjerament ta' żviluppi tal-IT li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tas-servizzi ta' avvenimenti kummerċjali u l-portal		L-għadd ta' proġetti li implimentaw b'suċċess żviluppi ġodda online	1	10	Q4	2025	L-għadd ta' proġetti ta' żvilupp tal-IT li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tas-servizzi ta' avvenimenti kummerċjali u l-portal li implimentaw b'suċċess żviluppi ġodda online. Dawn il-proġetti ta' żvilupp għandhom ikunu jew direttament relatati mal-iżvilupp tal-gateway diġitali għall-imprendituri jew mal-iżvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti kummerċjali, li addizzjonalment jinkludu l-iżvilupp ta' diversi sistemi relatati għall-interazzjoni mal-portal diġitali. Bħala riżultat ta' kull proġett ta' żvilupp, għandha titlesta mill-inqas soluzzjoni tal-IT li tiffunzjona b'mod minimu (jiġifieri, is-soluzzjoni tal-IT għandha tkun operattiva mill-inqas fil-partijiet bażiċi għall-utenti finali (imprendituri) u għandha tkun kapaċi tipprovdi feedback għal ħtiġijiet ulterjuri ta' żvilupp matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tar-riforma jew wara).

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
51	Programm #3.4 #Büokratt (pjattaforma u ekosistema nazzjonali ta' assistenti virtwali)	Mira	Aċċess għas-servizzi pubbliċi diġitali permezz tal-pjattaforma ta' assistent virtwali		L-għadd ta' servizzi diġitali pubbliċi aċċessibbli permezz tal-assistent virtwali	0	1	Q2	2022	L-għadd ta' servizzi pubbliċi diġitali disponibbli permezz tal-pjattaforma tal-assistent virtwali.
52	Programm #3.4 #Büokratt (pjattaforma u ekosistema nazzjonali ta' assistenti virtwali)	Mira	Introduzzjoni tal-assistent virtwali Bürokratt fl-ambjenti tas-servizzi pubbliċi diġitali		Għadd ta' ambjenti ta' servizz	0	18	Q4	2025	L-għadd ta' ambjenti ta' servizz li fihom l-assistent virtwali għandu jkun operattiv. "Ambjent ta' servizz" jirreferi għal sit web tal-awtoritajiet pubbliċi.
53	Programm #3.4 #Büokratt (pjattaforma u ekosistema nazzjonali ta' assistenti virtwali)	Mira	Aċċess għas-servizzi pubbliċi diġitali permezz tal-pjattaforma ta' assistent virtwali		L-għadd ta' servizzi diġitali pubbliċi aċċessibbli permezz tal-assistent virtwali	1	20	Q4	2025	L-għadd ta' servizzi pubbliċi diġitali disponibbli permezz tal-pjattaforma tal-assistent virtwali.
54	3.5 rikonfigurazzjoni tas-servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud	Stadju importanti	Żvilupp ta' servizzi ta' bażi tal-IT imwassla/kondiviżi ċentralment	Ftuħ ta' servizzi kondiviżi ta' hosting ta' servers u ta' stazzjonijiet tax-xogħol tal-kompjuter għall-awtoritajiet pubbliċi				Q3	2022	Is-servizzi bażiċi tal-IT ipprovduti/kondiviżi ċentralment għandhom jinfetħu għall-abbonament minn utenti ġodda (ministeri u awtoritajiet oħra).

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
55	3.5 rikonfigurazzjoni tas-servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud	Mira	L-iskjerament ta' infrastruttura tal-cloud privata nazzjonali mill-awtoritajiet pubbliċi		Għadd ta' sistemi ta' informazzjoni mċaqalqa lejn il-cloud privat nazzjonali	0	10	Q4	2023	L-għadd ta' sistemi ta' informazzjoni li għalihom għandha titlesta l-migrazzjoni għall-infrastruttura tal-cloud privata.
56	3.5 rikonfigurazzjoni tas-servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud	Stadju importanti	Estensjoni tal-infrastruttura tal-cloud għall-ambaxxata tad-data	Tlestija tal-estensjoni tal-cloud privat nazzjonali għall-infrastruttura tal-ambaxxata tad-data tal-Estonja				Q4	2023	Għandu jkun possibbli li jiġu ospitati u operati sistemi ta' informazzjoni migrati lejn il-cloud privat mill-ambaxxata tad-data. Għandhom jinkisbu u jiġu stabbiliti hardwer u liċenzji ġodda għal dan l-għan.
57	3.5 rikonfigurazzjoni tas-servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud	Mira	Il-migrazzjoni ta' sistemi kritiċi għall-infrastruttura nazzjonali tal-cloud tal-ambaxxata tad-data		Numru ta' sistemi kritiċi	0	10	Q4	2024	L-għadd ta' sistemi kritiċi emigraw għall-infrastruttura u l-pjattaforma Nazzjonali tal-Ambaxxata tad-Data tal-Cloud. Is-sistemi kritiċi huma sistemi li huma vitali għas-sostenibbiltà tal-istat.
58	3.5 rikonfigurazzjoni tas-servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud	Mira	Ittestjar tas-sigurtà ċentrali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi		Numru ta' testijiet imwettqa	0	16	Q4	2024	Għadd ta' testijiet komprensivi tas-sigurtà mwettqa mill-Awtorità tas-Sistema ta' Informazzjoni — ir-riżultati tat-testijiet għandhom jinġabru fil-qosor f'rapporti.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
59	3.6 l-istabbiliment tal-analiżi strateġika tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-Estonja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Att dwar il-Prevenzjoni tal-ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u ta' bidliet leġiżlattivi, amministrattivi u kuntrattwali oħra meħtieġa għaċ-Ċentru għall-Analiżi Strateġika	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-data tad-dħul fis-seħħ tal-att emendat u d-dħul fis-seħħ ta' atti leġiżlattivi, amministrattivi u kuntrattwali oħra				Q4	2024	Il-passi li ġejjin għandhom jitlestew biex iċ-Ċentru għall-Analiżi Strateġika jkun jista' jaċċessa u jipproċessa d-data rilevanti għall-individwazzjoni u l-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu: (1) emenda tal-Att dwar il-Prevenzjoni tal-ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu għandha tiġi ppubblikata fir-Riigi Teataja u tidħol fis-seħħ, (2) l-emendi għall-istatuti tas-settijiet tad-data nazzjonali rilevanti għandhom jidħlu fis-seħħ, l-emendi għat-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti ta' skambju tad-data tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja għandhom jiġu ffirmati mill-partijiet kontraenti.
60	3.7 sistema ta' informazzjoni għall-analiżi strateġika f'ħin reali tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu	Stadju importanti	L-iżvilupp tas-sistema l-ġdida ta' analiżi tal-ICT fil-ħin reali għaċ-Ċentru għall-Analiżi Strateġika, u t-twassil lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja	Twassil tas-sistema l-ġdida tal-ICT lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja				Q2	2026	Għandu jitlesta l-iżvilupp tas-sistema tal-ICT li tippermetti analiżi f'ħin reali biex jiġi identifikat u evitat il-ħasil tal-flus. Is-sistema għandha tkun operazzjonali u użata mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
61	3.8 kostruzzjoni ta' networks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna	Mira	L-introduzzjoni ta' netwerk tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna għal siti ġodda		Għadd ta' siti	0	4000	Q4	2024	L-għadd ta' siti ġodda (residenzjali, kumpaniji, stabbilimenti) koperti mill-VHCN (u li għalhekk għandhom il-possibbiltà li jiksbu konnessjoni ta' mill-inqas 100 Mbps) bis-saħħa tal-miżura.
62	3.8 kostruzzjoni ta' networks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna	Mira	L-introduzzjoni ta' netwerk tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna għal siti ġodda		Għadd ta' siti	4000	8097	Q4	2025	L-għadd ta' siti addizzjonali (residenzjali, kumpaniji, stabbilimenti) koperti mill-VHCN (u li għalhekk għandhom il-possibbiltà li jiksbu konnessjoni ta' mill-inqas 100 Mbps) bis-saħħa tal-miżura.

D. KOMPONENT 4: EFFIĊJENZA FL-ENERĠIJA U FL-ENERĠIJA

Dan il-komponent tal-pjan Estonjan għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija. L-oġġettivi tal-komponent huma li titnaqqas id-dipendenza fuq ix-shale bituminuż, li jiġi inċentivat l-użu tal-enerġija rinnovabbli u li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex l-investimenti jiġu ffukati fuq l-infrastruttura tal-enerġija u fuq l-effiċjenza fir-riżorsi u fl-enerġija, filwaqt li jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni progressiva tal-ekonomija (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019 u fl-2020). Miżuri aġġornati u ġodda jappoġġaw l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili permezz tal-faċilitazzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 fl-2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

4.1. Riforma: Promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jitnaqqsu l-ostakli amministrattivi għar-rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija billi jingħataw pariri lill-assoċjazzjonijiet tal-appartamenti, lill-unitajiet domestiċi privati u lill-gvernijiet lokali dwar il-leġiżlazzjoni, l-aspetti tekniċi u l-finanzjament tar-rinnovazzjonijiet. Ir-riforma tappoġġa wkoll l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi bħar-rinnovazzjoni bl-użu ta' elementi prefabbrikati sabiex tiżdied il-kapaċità ta' rinnovazzjoni u titnaqqas il-marka tal-karbonju tal-istokk tal-bini (ekonomija fuq il-materjali u l-iżgurar tal-kwalità). Ir-riforma għandha l-għan li żżid ir-rati ta' rinnovazzjoni f'oqsma b'valur aktar baxx tal-proprietà.

Il-miżura tikkonsisti fit-twaqqif ta' netwerk konsultattiv reġjonali u t-taħriġ ta' konsulenti tekniċi sabiex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa u jinċentivaw ir-rinnovazzjonijiet. L-aċċess għall-informazzjoni relatata mar-rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija għandu jiġi żgurat aktar billi jiġi stabbilit sit web iddedikat u għodod diġitali li jiffaċilitaw il-fehim tar-riżultat, tal-kostijiet u tal-benefiċċji tar-rinnovazzjoni. Il-komponent huwa marbut ma' miżura dwar id-diġitalizzazzjoni tad-data dwar il-konstruzzjoni taħt il-komponent 1 tal-Pjan Estonjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

4.2. Investiment: Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini ta' appartamenti

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tingħata spinta lir-rinnovazzjonijiet profondi tal-bini ta' appartamenti sabiex tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tar-residenti tagħhom. L-oġġettiv huwa wkoll li jiżdiedu r-rati ta' rinnovazzjoni f'oqsma b'valur aktar baxx ta' proprietà.

Għandu jingħata appoġġ lill-assoċjazzjonijiet tal-appartamenti għar-rinnovazzjonijiet li jiksbu titjib ta' mill-inqas klassi waħda tal-effiċjenza enerġetika jew, fil-każ ta' rinnovazzjonijiet sħaħ, mill-inqas il-klassi tal-effiċjenza enerġetika C. Ir-rinnovazzjonijiet għandhom jikkorrispondu għal mill-inqas rinnovazzjoni b'fond medju li tirrappreżenta livell medju ta' ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %. Għandhom jiġu applikati rati differenzjati ta' appoġġ reġjonali: 30 % f'Tallinn u Tartu,

40 % fiż-żoni madwar Tallinn u Tartu abbażi tal-prezz tal-proprjetà immobbli u 50 % fiż-żoni l-oħra kollha. Barra minn Tallinn u Tartu, l-assoċjazzjonijiet tal-appartamenti jistgħu jwettqu xogħol parzjali ta' rikostruzzjoni biex jipprevjenu d-deterjorament tal-kundizzjoni teknika tal-bini, f'liema każ ir-rata ta' appoġġ għandha tkun aktar baxxa. Barra minn hekk, bħala parti mill-istrategġija nazzjonali fit-tul tagħha, l-Estonja qed tippjana li tiffinanzja miżuri ta' rinnovazzjoni komplementari mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u minn REACT-EU.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

4.3. *Investiment: Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali żgħir*

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tingħata spinta lir-rinnovazzjonijiet profondi ta' abitazzjonijiet privati sabiex tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u jittejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tar-residenti tagħhom. L-oġġettiv huwa wkoll li jiżdiedu r-rati ta' rinnovazzjoni f'oqsma b'valur aktar baxx ta' proprjetà.

Għandu jingħata appoġġ lis-sidien privati għar-rinnovazzjonijiet li jiksbu titjib fl-effiċjenza enerġetika jew, fil-każ ta' rinnovazzjonijiet kompluti, mill-inqas il-klassi tat-tikketta tal-enerġija C. Għandhom jiġu applikati rati differenzjati ta' appoġġ reġjonali: 30 % f'Tallinn u Tartu, 40 % fiż-żoni madwar Tallinn u Tartu abbażi tal-prezz tal-proprjetà immobbli u 50 % fiż-żoni l-oħra kollha. Għall-finijiet tal-miżura, l-akkomodazzjoni (abitazzjoni) hija definita bħala "abitazzjoni jew abitazzjonijiet f'bini wieħed jew f'bini separat maħsub għal unità domestika waħda biex tgħix matul is-sena kollha" (skont l-Eurostat).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

4.4. *Riforma: Nagħtu spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomija tal-enerġija*

L-għan ta' din il-miżura huwa li tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija fl-Estonja billi taġġorna l-miri u l-azzjonijiet tal-politika tal-enerġija Estonjana (inklużi dawk relatati mal-eliminazzjoni gradwali tax-shale bituminuż) u billi tneħħi l-ostakli amministrattivi għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli.

Il-pjan ta' Żvilupp Nazzjonali tas-Settur tal-Enerġija għandu jiġi aġġornat u għandu jinkludi miri dwar il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u s-sigurtà tal-provvista. Il-pjan se jinkludi wkoll azzjonijiet biex titnaqqas id-dipendenza fuq iż-żejt tax-shale fis-settur tal-enerġija Estonjan u miri għall-eliminazzjoni gradwali tax-shale bituminuż fis-settur tal-enerġija għal kollox.

Ir-riforma għandha tikkonsisti wkoll fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni meħtieġa u fil-kompilazzjoni ta' materjali ta' gwida għall-aċċellerazzjoni tal-installazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli u azzjonijiet biex jittaffew ir-restrizzjonijiet tal-għoli relatati mad-difiża fuq il-parks eoliċi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

4.5. *Investiment: Programm għat-tisħiħ tal-grilja tal-elettriku biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għall-adattament għat-tibdil fil-klima (bħall-protezzjoni kontra l-maltempati)*

L-għan ta' din il-miżura huwa li tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni tal-elettriku Estonjana billi żżid il-kapaċità tal-grilja ta' trażmissjoni, li se tippermetti l-konnessjoni ta' produzzjoni addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli.

Taħt din il-miżura, l-investimenti tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni fil-grilja ta' trażmissjoni għandhom

ikun kofinanzjat bl-għan li tizzied mill-inqas 310 MW ta' kapaċità addizzjonali tal-grilja.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

4.6. *Investiment: Programm biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-enerġija f'żoni industrijali*

Il-miżura għandha l-għan li tagħmel is-sistema tal-elettriku aktar effettiva billi tinċentiva l-produzzjoni tal-elettriku qrib il-konsum. Il-miżura għandha tinċentiva l-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli f'żoni industrijali jew fil-qrib permezz tal-kofinanzjament tal-konnessjoni meħtieġa mal-grilja. Skont din il-miżura, l-investimenti magħmula minn kumpaniji biex jikkonnettjaw il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli fil-grilja għandhom jiġu appoġġati permezz ta' għotjiet. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għas-sejthiet għal proġetti għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream²¹; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti²²; (III) attivitajiet relatati ma' miżblat tal-iskart, incineraturi²³ u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku²⁴; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. Barra minn hekk, it-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu li jintgħazzu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

4.7. *Investiment: Programm Pilota għall-Ħżin tal-Enerġija*

Biex jikkomplementaw il-miżuri ta' hawn fuq, l-eliminazzjoni gradwali tax-shale bituminuż u ż-żieda fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, għandhom jiġu appoġġati proġetti għall-ħżin tal-enerġija rinnovabbli.

L-għan tal-miżura huwa li jitwettaq programm pilota dwar il-ħżin tal-enerġija rinnovabbli fl-Estonja. L-għarfien miksub f'dan il-programm pilota huwa mistenni li jipprovdi bażi għall-investimenti futuri b'sussidju zero f'faċilitajiet ta' ħżin. Skont din il-miżura, għandhom jiġu pprovduti għotjiet lil

²¹Hlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

²²Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

²³Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, il-qbid tal-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

²⁴Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-iskop li tizzied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjant jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

kumpaniji li jinvestu f'faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija rinnovabbli.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

4.8. *Investiment: It-tisħiħ tal-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta*

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li tikkummissjona u tagħmel operazzjonali sistema/sensuri tar-radar u tar-radar passiv li għandhom jagħmluha possibbli għat-turbini eoliċi lil hinn mill-kosta, irrISPettivament mill-ġholi tagħhom, li joperaw fil-Golf ta' Riga u fil-gżejjer Estonjani Hiiumaa, Saaremaa u Vormsi.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
63	4.1 promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika	Stadju importanti	Konklużjoni tal-ftehim ta' kooperazzjoni li jistipula l-kundizzjonijiet għall-kooperazzjoni bejn l-AS KredEx/Enterprise Estonia u ċentri ta' żvilupp tal-kontea	Konklużjoni tal-ftehim ta' kooperazzjoni bejn SA KredEx/enterprise Estonia u ċentri ta' żvilupp tal-kontej				Q4	2022	Il-konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni minn SA KredEx/enterprise Estonia ma' ċentri ta' żvilupp tal-kontej li permezz tiegħu f'kull kontea tal-Estonja SA KredEx/enterprise l-Estonja għandha tipprovdi mill-inqas speċjalista wieħed imħarreġ fiċ-ċentru tal-iżvilupp tal-kontea li għandu jipprovdi pariri dwar ir-rinnovazzjoni.
64	4.1 promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika	Stadju importanti	L-għodod diġitali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni dwar ir-rinnovazzjoni inkluż il-viżwalizzazzjoni tar-riżultati tar-rinnovazzjoni u l-istima tal-kost tar-rinnovazzjoni saru operazzjonali	Sit web ta' rinnovazzjoni operazzjonali faċli għall-utent u mudelli tal-ipprezzar				Q4	2024	Sa KredEx/Enterprise Estonia għandha taġġorna l-paġna ewlenija tad-Djar biex tiżgura informazzjoni rapida, aġġornata u operazzjonali għal dawk interessati fir-rinnovazzjoni u għall-applikanti. L-għodod diġitali online għandhom ikunu disponibbli biex il-partijiet interessati fir-rinnovazzjoni jkunu jistgħu jivviżwalizzaw l-eżitu possibbli u jikkalkulaw il-kostijiet potenzjali bi skemi ta' appoġġ u mingħajrhom meta jżidu l-parametri tal-bini tagħhom.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
65	4.2 appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini ta' appartamenti	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' sejħiet għal applikazzjonijiet għal għotjiet għar-rinnovazzjoni ta' bini ta' appartamenti residenzjali	Pubblikazzjoni ta' sejħiet għal għotjiet għar-rinnovazzjoni tad-djar				Q2	2022	Sa KredEx/Enterprise Estonia għandha tippubblika sejħiet għal applikazzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' bini ta' appartamenti residenzjali. L-appoġġ għandu jkun differenzjat bejn ir-reġjuni abbażi tal-valur tal-proprjetà immobbli, b'rata ogħla ta' appoġġ f'reġjuni b'valur medju baxx tal-proprjetà. L-appoġġ għandu jingħata għal proġetti ta' rinnovazzjoni li jiksibu titjib ta' mill-inqas klassi waħda tal-effiċjenza enerġetika jew, fil-każ ta' rinnovazzjonijiet kompluti, mill-inqas il-klassi tal-effiċjenza enerġetika C. Ir-rinnovazzjonijiet għandhom jikkorrispondu għal mill-inqas rinnovazzjonijiet b'fond medju li jirrappreżentaw livell medju ta' ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (UE) 2019/786. Ir-riżultati għandhom jiġu ċċertifikati permezz ta' Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija ex ante u ex post.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
66	4.2 appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini ta' appartamenti	Mira	Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejbja fl-użu tal-enerġija		Numru ta' abitazzjonijiet	0	2600	Q4	2024	Mill-inqas 2 600 abitazzjonijiet għandhom jiġu rinnovati u jiksbu titjib ta' mill-inqas klassi waħda tal-effiċjenza enerġetika jew, fil-każ ta' rinnovazzjonijiet kompluti, mill-inqas il-klassi tal-effiċjenza enerġetika C. Ir-rinnovazzjonijiet għandhom jikkorrispondu għal mill-inqas rinnovazzjonijiet b'fond medju li jirrappreżentaw livell medju ta' ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (UE) 2019/786. Ir-riżultati għandhom jiġu ċċertifikati permezz ta' Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija ex ante u ex post.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
67	4.2 appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini ta' appartamenti	Mira	Stima tat-tnaqqis annwali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra	MHUX APPLIKABBLI	tunnellati ta' CO2eq/sena	0	2200	Q2	2026	Ikunu ġew iffrankati emissjonijiet annwali ta' mill-inqas 2 200 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO2. Il-mira għandha titkejjel bħala t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) bħala somma tal-proġetti ta' rinnovazzjoni kollha li tlestew sal-2024. Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika għal kull bini rinnovat għandha titkejjel sa mhux aktar tard mill-2025; u l-emissjonijiet annwali tagħhom ta' gassijiet serra stmati fuq din il-bażi. Il-linja bażi għandha tirreferi għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati tal-bini qabel ir-rinnovazzjoni. Għandu jiġi vvalutat jekk l-attivitajiet tal-miżura ta' appoġġ twettqux u jekk id-dokumenti kollha meħtieġa ġewx ippreżentati mill-assoċjazzjonijiet tal-appartamenti (bħaċ-Ċertifikat tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija, l-awditjar). Il-kalkolu tar-riżultat tal-iffrenkar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għandu jkun ibbażat fuq il-mudell ta' SA Kredex/Enterprise Estonia għall-konsum tal-enerġija u data rilevanti oħra. Ir-riżultati miksuba għandhom jingħataw fi tmiem l-attivitajiet ta' appoġġ.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
68	4.3 appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali żgħir	Stadju importanti	Sejħiet ippubblikati għal għotja għar-rinnovazzjoni	Pubblikazzjoni ta' sejħiet				Q2	2022	Sa KredEx/Enterprise Estonia għandha tippubblika sejħiet għal applikazzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' bini residenzjali privat. L-appoġġ għandu jkun differenzjat bejn ir-reġjuni abbażi tal-valur tal-proprjetà immobbli, b'rata ogħla ta' appoġġ f'reġjuni b'valur medju baxx tal-proprjetà. L-appoġġ għandu jingħata għal proġetti ta' rinnovazzjoni li jiksbu titjib fl-effiċjenza enerġetika jew, fil-każ ta' rinnovazzjonijiet kompluti, mill-inqas il-klassi tal-effiċjenza enerġetika C. Ir-riżultati għandhom jiġu ċċertifikati minn kalkoli ex ante u ex post SA KredEx tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija.
69	4.3 appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali żgħir	Mira	Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejbja fl-użu tal-enerġija		Numru ta' abitazzjonijiet	0	80	Q4	2024	Mill-inqas 80 abitazzjonijiet għandhom jiġu rinnovati, u jiksbu titjib fl-effiċjenza enerġetika jew, fil-każ ta' rinnovazzjonijiet kompluti, mill-inqas il-klassi tal-effiċjenza enerġetika C. Ir-riżultati għandhom jiġu ċċertifikati permezz ta' kalkoli ex ante u ex post KredEx tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
69a	4.3 appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali żgħir	Mira	Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejbja fl-użu tal-enerġija		Numru ta' abitazzjonijiet	80	900	Q1	2026	Mill-inqas 900 abitazzjonijiet għandhom jiġu rinnovati u jiksbu titjib fl-effiċjenza enerġetika jew, fil-każ ta' rinnovazzjonijiet kompluti, mill-inqas il-klassi tal-effiċjenza enerġetika C. Ir-risultati għandhom jiġu ċertifikati permezz ta' kalkoli ex ante u ex post KredEx tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija.
70	4.4 nagħtu spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomija tal-enerġija	Stadju importanti	Deċiżjoni tal-gvern dwar l-investimenti meħtieġa biex jittaffew ir-restrizzjonijiet tal-għoli relatati mad-difiża fuq il-parks eoliċi	Adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Gvern				Q2	2021	Il-Gvern għandu jadotta deċiżjoni dwar it-tweqqif tal-investimenti meħtieġa biex jittaffew ir-restrizzjonijiet tal-għoli relatati mad-difiża fuq il-parks eoliċi.
71	4.4 nagħtu spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomija tal-enerġija	Stadju importanti	Adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Gvern dwar il-bidu tal-proċess ta' tħejjija tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali tas-Settur tal-Enerġija, in-nomina ta' dawk responsabbli u l-iskadenzi	Adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Gvern				Q4	2021	Id-Deċiżjoni tal-gvern dwar il-bidu tal-proċess ta' tħejjija tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali tas-Settur tal-Enerġija għandha tiġi approvata, filwaqt li tiddefinixxi l-entità (jiet) responsabbli u tistabbilixxi l-iskadenzi rilevanti. Il-pjan ta' żvilupp għandu jindirizza, inter alia, l-oġettivi li tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u ż-żamma u t-titjib tas-sigurtà tal-provvista, kif ukoll il-waqfien tal-użu tax-shale bituminuż għall-produzzjoni tal-elettriku fl-2035 u l-eliminazzjoni gradwali tal-produzzjoni taż-żejt tax-shale sal-2040.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
72	4.4 nagħtu spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomija tal-enerġija	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni primarja u/jew sekondarja rilevanti u l-pubblikazzjoni ta' materjal ta' gwida biex jittaffew l-ostakli għall-installazzjoni ta' installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni primarja u/jew tad-dħul fis-seħħ rilevanti tal-leġiżlazzjoni sekondarja u l-pubblikazzjoni ta' materjal ta' gwida				Q4	2024	Il-materjali ta' gwida meħtieġa għall-iffaċilitar u l-inċentivar tal-installazzjoni ta' installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija għandhom jiġu ppubblikati u l-leġiżlazzjoni primarja u/jew sekondarja rilevanti għandha tidħol fis-seħħ biex jitneħħew l-ostakli għall-installazzjoni ta' faċilitajiet tal-enerġija rinnovabbli bħas-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi u ostakli rilevanti oħra identifikati.
73	4.4 nagħtu spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomija tal-enerġija	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali tas-Settur tal-Enerġija mill-Gvern	Dokument adottat mill-Gvern				Q4	2025	Il-pjan ta' Żvilupp Nazzjonali tas-Settur tal-Enerġija għandu jiġi approvat mill-Gvern. Il-pjan għandu jinkludi l-azzjonijiet relatati mat-tneħħija gradwali tal-użu tax-shale bituminuż għall-produzzjoni tal-elettriku fl-2035 u tal-produzzjoni taż-żejt tax-shale sal-2040. Għandu jinkludi wkoll miri għall-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li għandha tiġi sostitwita b'enerġija rinnovabbli.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
74	Programm 4.5 għat-tisħiħ tal-grilja tal-elettriku biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għall-adattament għat-tibdil fil-klima (bħall-protezzjoni kontra l-maltempati)	Stadju importanti	Firma tal-kuntratt ta' kofinanzjament tal-investiment tan-netwerk ma' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni	Firma ta' kuntratt mal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni				Q1	2022	Ftehim ta' kofinanzjament għall-investimenti fin-netwerks tal-elettriku għandu jiġi konkluż bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni u Elering AS. Il-kuntratt għandu jistabbilixxi r-riżultati mistennija u l-iskadenzi.
75	Programm 4.5 għat-tisħiħ tal-grilja tal-elettriku biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għall-adattament għat-tibdil fil-klima (bħal reżiljenza mtejbja kontra l-maltempati)	Mira	Kapaċità addizzjonali tal-grilja maħluqa permezz ta' investimenti fin-network ta' trażmissjoni		Kapaċità addizzjonali tal-grilja (MW)	0	310	Q2	2026	Żieda fil-kapaċità tan-netwerk ta' trażmissjoni tal-elettriku Estonjan b'mill-inqas 310 MW.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
76	4.6 programm biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-enerġija f'żoni industrijali	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti għal proġetti li jagħtu spinta lill-produzzjoni tal-enerġija f'żoni industrijali	Pubblikazzjoni ta' sejħa għall-proposti				Q4	2022	Għandha tiġi ppubblikata sejħa miftuħa miċ-Ċentru ta' Investiment Ambjentali biex jiġu appoġġati l-kostijiet tal-konnessjoni mal-grilja ta' kumpaniji li jipproduċu l-elettriku minn sorsi rinnovabbli f'żoni industrijali. Is-sejħa għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji tal-għażla tal-proġetti u l-kundizzjonijiet tal-għoti li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.
77	4.6 programm biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-enerġija f'żoni industrijali	Mira	Kapaċità ta' konnessjoni addizzjonali għall-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli f'żoni industrijali jew qribhom konnessi mal-grilja		Kapaċità ta' konnessjoni maħluqa (MW)	0	28	Q2	2026	Kapaċità addizzjonali ta' konnessjoni għall-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli f'żoni industrijali jew qribhom mibnija għal mill-inqas 28 MW.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
78	4.7 programm Pilota għall-Ħżin tal-Enerġija	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti għal programm pilota għall-ħżin tal-enerġija	Pubblikazzjoni tas-sejħa għall-proposti				Q4	2022	Għandha tiġi ppubblikata sejħa miftuħa għal proposti miċ-Ċentru ta' Investiment Ambjentali biex jiġu appoġġati proġetti ta' ħżin tal-enerġija. Is-sejħa għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji tal-għażla tal-proġetti u l-kundizzjonijiet tal-għoti li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla/eliġibbiltà għandhom jispeċifikaw li l-attivitajiet appoġġati u/jew l-intrapriżi jikkontribwixxu għal ekonomija newtrali għall-klima, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima, inklużi l-oġġettivi tal-ekonomija ċirkolari.
79	4.7 programm Pilota għall-Ħżin tal-Enerġija	Mira	Kapaċità addizzjonali ta' ħżin tas-sħana li tirriżulta minn appoġġ għall-investiment		Kapaċità installata (m³)	0	35 000	Q2	2026	L-iskema ta' appoġġ għall-investiment għandha tirriżulta fl-installazzjoni ta' ħżin tas-sħana ta' mill-inqas 35 000 m³ f'sistemi ta' tisħin distrettwali.
80	4.7 programm Pilota għall-Ħżin tal-Enerġija	Mira	Kapaċità addizzjonali ta' ħżin tal-elettriku li tirriżulta minn appoġġ għall-investiment		Kapaċità installata (MW)	0	4	Q2	2026	L-iskema ta' appoġġ għall-investiment għandha tirriżulta fl-installazzjoni ta' kapaċità ta' ħżin tal-elettriku ta' mill-inqas 4 MW.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
80a	4.8 spinta lill-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Kuntratturi għas-sistema tar-radar u tar-radar passiv/sensuri magħżula u l-kuntratti ffirmati	Kuntratti ffirmati				Q4	2024	Kuntratti ffirmati għad-disinn dettaljat, għar-radar tas-sorveljanza tal-arja, għas-sistema/sensuri tar-radar passiv, għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili u għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tar-radar. Il-kuntratturi għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' sejħa għall-offerti.
80b	4.8 spinta lill-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Is-sistema/is-sensuri tar-radar u tar-radar passiv isiru operattivi	Data tal-bidu tal-operazzjonijiet				Q1	2026	Is-sistema/sensuri tar-radar u tar-radar passiv għandhom ikunu operattivi.
80c	4.8 spinta lill-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	It-tneħħija tar-restrizzjoni tal-għoli fuq it-turbini eoliċi lil hinn mill-kosta fil-Golf ta' Riga u fil-gżejjer Estonjani Hiiumaa, Saaremaa, Vormsi	Avviż				Q1	2026	Avviż maħruġ mill-Ministeru tad-Difiża u ppubblikat fuq is-sit web tiegħu, li jiddikjara li r-restrizzjonijiet tal-għoli fuq it-turbini eoliċi lil hinn mill-kosta tneħħew fil-Golf ta' Riga u fil-gżejjer Estonjani ta' Hiiumaa, Saaremaa u Vormsi.

E. KOMPONENT 5: TRASPORT SOSTENIBBLI

Il-komponent tal-pjan Estonjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jindirizza l-isfida tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. L-oġġettivi tal-komponent huma li jitnaqqsu l-emissjonijiet u li jiġi inċentivat l-użu ta' modi sostenibbli ta' trasport.

Ir-riforma u l-investimenti tal-komponent jappoġġaw l-iżvilupp tal-proġett transfruntier Rail Baltic, li jgħaqqad it-tliet bliet kapitali u l-pajjiżi Baltiċi mal-Polonja u l-bqija tal-Unjoni. Il-miżuri fil-komponent għandhom l-għan li jgħaqqdu l-Rail Baltic ma' ferroviji nazzjonali oħra u ċentri TEN-T oħra (l-Ajruport ta' Tallinn u l-Port Antik) u jiffaċilitaw l-aċċess għall-waqfiet lokali tiegħu bil-mixi jew bir-rota.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex l-investimenti jiġu ffukati fuq l-effiċjenza fir-riżorsi u t-trasport sostenibbli li jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019 u fl-2020). Il-miżuri l-ġodda jikkorrispondu wkoll għar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex jiżiedu l-isforzi biex tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistema tat-trasport, inkluż permezz tal-elettrifikazzjoni tan-network ferrovjarju u billi jiżiedu l-inċentivi biex jithegġegħ trasport sostenibbli u li jniġġes inqas (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 fl-2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

5.1. Riforma: L-użu ta' infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija sikura, ekoloġika, kompetittiva, ibbażata fuq il-ħtiġijiet u sostenibbli

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ tas-settur tat-trasport u li jiġi inċentivat l-użu ta' modi sostenibbli tat-trasport.

Il-miżura tikkonsisti fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp il-ġdid għat-Trasport u l-Mobilità u l-Pjan ta' Implimentazzjoni relatat. Il-fokus tal-Pjan huwa li jnaqqas l-impronta ambjentali tas-sistemi tat-trasport u għandu jinkludi miżuri biex tiġi żviluppata mobbiltà interkonnessa u kondiviża f'żoni urbani għad-detriment tal-karozzi privati u jiġi promoss qafas komprensiv ta' mobbiltà ħafifa (bil-mixi jew bir-rota) f'żoni barra miċ-ċentri urbani ewlenin. Il-pjan għandu jinkludi investimenti ferrovjarji li għandhom ikunu diretti lejn iż-żieda tal-veloċità u s-sikurezza tal-vjaġġi u ż-żieda ta' konnessjonijiet kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija. L-azzjonijiet ewlenin taħt dan il-Pjan li għandhom jiġu implimentati fl-iskeda ta' żmien tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jinkludu l-bini u l-estensjoni tal-ferrovija elettrifikata minn Tallinn għal Tartu u l-armonizzazzjoni tas-sistema tat-trasport pubbliku fir-reġjun kapitali ta' Tallinn (sistemi ta' ħruġ ta' biljetti u pprezzar).

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

5.2. [imħassar]

5.2.a Investment: Bastiment tax-xogħol multifunzjonali

L-oġġettiv tal-investment huwa li jiżgura s-sikurezza u l-kundizzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma

meħtieġa għat-tħaddim tat-trasport marittimu, jippermetti li jitwettqu operazzjonijiet kontra t-tniġġis u jżid il-kapaċità tar-riċerka għall-istudji ambjentali. Għal dawn il-finijiet, għandu jinbena bastiment b'emissjonijiet baxxi b'kapaċità ta' riċerka, b'kapaċità ta' installazzjoni tal-bagi u b'kapaċità ta' kontroll tat-tniġġis.

Il-bastiment għandu jkun elettriku jew jaħdem bi fjuwils (idroġenu jew fjuwils sintetiċi bbażati fuq l-idroġenu jew bijometan sostenibbli) li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin “Tagħmel l-Ebda Ħsara Sinifikanti” skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01):

- a. Għall-idroġenu u l-fjuwils sintetiċi bbażati fuq l-idroġenu, dawn jiġu prodotti bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli konformi mad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II) u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati relatati, u jiksbu rekwiżit ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' 73.4 % għall-idroġenu [li jirriżulta f'emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' inqas minn 3 t CO₂e/tH₂] u 70 % għall-fjuwils sintetiċi bbażati fuq l-idroġenu meta mqabbla ma' komparatur tal-fjuwils fossili ta' 94 g CO₂e/MJ b'analoġija għall-approċċ stabbilit fl-Artikolu 25(2) u fl-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- b. Għall-bijometan, dawn huma konformi mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-ifffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Artikoli 29–31 u r-regoli dwar il-bijofjuwils ibbażati fuq l-ikel u l-għalf stabbiliti fl-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (REDII), u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati relatati.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

5.3. *[imħassar]*

5.3.a *Investiment: Kostruzzjoni tal-vjadotti tal-Ferroviji Baltiċi*

L-oġġettiv tal-miżura huwa li jżied is-sehem tal-mobbiltà sostenibbli fl-Estonja billi tikkontribwixxi għall-proġett Rail Baltic, li jgħaqqad it-tliet Stati Baltiċi.

L-investment jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' ħames viaducts fil-ġunzjoni ta' Kangru qrib Tallinn. Il-viadutt ta' Kangru, il-viadutt ta' Raudalu, il-viadutt ta' Raku, il-viadutt tad-dawl ta' Männiku u l-mina tat-traffiku tad-dawl ta' Männiku.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

5.4. *Investiment: Kostruzzjoni tal-linja tat-tramm tal-Port il-Qadim ta' Tallinn*

L-oġġettiv tal-miżura huwa li jżied is-sehem tal-mobbiltà sostenibbli fir-reġjun ta' Tallinn. Għal dan l-għan, il-miżura għandha l-għan li tgħaqqad il-konnessjonijiet tal-Ferroviji Baltiċi mal-baħar mal-pajjiżi Nordiċi permezz tal-Port Antik ta' Tallinn.

Għandu jingħata appoġġ lill-Awtorità tat-Trasport tal-Belt ta' Tallinn, responsabbli għall-operat tat-trasport pubbliku f'Tallinn, biex tinbena linja ġdida ta' tramm ta' madwar 2 km li għandha tgħaqqad l-Ajruport ta' Tallinn, iċ-Ċentru Ferrovjarju Baltiku, iċ-ċentru tal-belt, il-Port il-Qadim u l-istazzjon ferrovjarju reġjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

5.5 *Investiment: Investimenti tal-muniċipalitajiet fir-roti u l-mixi*

L-oġġettiv tal-miżura huwa li titnaqqas id-dipendenza fuq il-karozzi u tiżdied il-mobbiltà sostenibbli f'żoni barra mit-tliet ċentri urbani ewlenin (Tallinn, Tartu, Pärnu), fejn il-kapaċità finanzjarja tal-muniċipalitajiet hija ostaklu għall-iżvilupp ta' kurituri tar-roti u tal-persuni bil-mixi sikuri u li ma jagħmlux ħsara lill-klima.

Għandu jingħata appoġġ lill-muniċipalitajiet għall-kostruzzjoni ta' 24 km ta' infrastruttura għar-roti u l-passaġġi biex jiġi żgurat aċċess sikur u sostenibbli għas-servizzi pubbliċi, inkluż it-trasport pubbliku, u għall-postijiet tax-xogħol. Se tingħata attenzjoni wkoll lill-waqfiet lokali tal-Ferroviji Baltiċi u l-konnessjoni man-netwerk eżistenti taċ-ċikliżmu u tal-persuni bil-mixi.

Il-miżura tikkumplimenta miżura simili mistennija li tiġi ffinanzjata mill-FEŻR, li tgħin biex tiżdied il-mobbiltà bir-roti fit-tliet ċentri urbani ewlenin ta' Tallinn, Tartu u Pärnu.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Sena	

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma iew)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadii)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
81	5.1 l-użu ta' infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija sikura, ekoloġika, kompetittiva, ibbażata fuq il-ħtiġijiet u sostenibbli	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp tat-Trasport u l-Mobilità 2021–2035 mill-Gvern	Adozzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp tat-Trasport u l-Mobilità 2021–2035				Q1	2022	Il-pjan ta' Żvilupp tat-Trasport u l-Mobilità 2021–2035 għandu jiġi approvat mill-Gvern. Dan għandu jinkludi l-ħolqien tas-sistema komuni tat-trasport tar-reġjun kapitali ta' Tallinn, azzjonijiet li jiffaċilitaw l-użu tal-bijometan lokali, azzjonijiet biex tiġi żviluppata mobbiltà urbana sostenibbli u attiva fi bliet akbar skont il-loġika tal-kurituri tat-trasport integrati, l-ippjanar tal-infrastruttura multimodali, iż-żieda tal-konnessjonijiet, il-veloċità u s-sikurezza tal-ferroviji, li s-settur tat-trasport marittimu jsir aktar kompetittiv u aktar ekoloġiku u li jiġi konness b'mod multimodali, l-iżvilupp ta' trasport bit-triq aktar rapidu u sikur. Il-pjan għandu jinkludi mira biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 b' 700 000 tonnellata (jew 30 %) meta mqabbla mal-livelli tal-2018 u jintlaħaq sehem ta' sorsi rinnovabbli fl-enerġija kkunsmata fis-settur tat-trasport ta' 24 % sal-2035.

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma iew)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadii)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
82	5.1 l-użu ta' infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija sikura, ekoloġika, kompetittiva, ibbażata fuq il-ħtiġijiet u sostenibbli	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Pjan ta' Implimentazzjoni għall-iżvilupp ekoloġiku tat-trasport pubbliku sostenibbli tal-Pjan ta' Żvilupp tat-Trasport u tal-Mobilità 2021–2035	Adozzjoni tal-Pjan ta' Implimentazzjoni				Q4	2022	Il-pjan ta' implimentazzjoni għandu jiġi approvat mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-Pjan ta' Żvilupp tat-Trasport u l-Mobilità 2021–2035. Dan għandu jinkludi l-ħolqien tas-sistema komuni tat-trasport tar-reġjun kapitali ta' Tallinn, azzjonijiet li jiffaċilitaw l-użu tal-bijometan lokali, azzjonijiet biex tiġi żviluppata mobbiltà urbana sostenibbli u attiva fi bliet akbar skont il-loġika tal-kuritur tat-trasport integrati, l-ippjanar ta' infrastruttura multimodali, iż-żieda tal-konnessjonijiet, il-veloċità u s-sikurezza tal-ferroviji, li s-settur tat-trasport marittimu jsir aktar kompetittiv, aktar ekoloġiku u li jiġi konness b'mod multimodali, l-iżvilupp ta' trasport bit-triq aktar rapidu u sikur. Il-pjan ta' implimentazzjoni għandu jinkludi obbligu ta' rappurtar annwali fuq il-ministru responsabbli lill-Gvern.

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma iew)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadii)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
83	5.1 l-użu ta' infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija sikura, ekoloġika, kompetittiva, ibbażata fuq il-ħtiġijiet u sostenibbli	Stadju importanti	Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp tat-Trasport u l-Mobilità 2021–2035	L-implimentazzjoni ta' diversi miżuri ewlenin tal-Pjan ta' Żvilupp tat-Trasport u tal-Mobilità 2021–2035 tlestiet				Q2	2026	L-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin tal-Pjan ta' Żvilupp tat-Trasport u tal-Mobilità għandha titlesta, inkluż il-bini u l-estensjoni tal-linji ferrovjarji elettrifikati minn Tallinn sa Tartu u l-armonizzazzjoni tas-sistema tat-trasport pubbliku fir-reġjun kapitali ta' Tallinn (inklużi sistemi komuni ta' ħruġ ta' biljetti u ta' pprezzar).
84a	5.2.a bastiment tax-xogħol multifunzjonali	Stadju importanti	Kuntratt iffirmat għall-bini tal-bastiment	Kuntratt iffirmat				Q1	2024	Il-kuntratt għall-bini tal-bastiment tax-xogħol multifunzjonali għandu jiġi ffirmat mill-kuntrattur u l-Flotta Nazzjonali (Riigilaevastik). Il-kuntratt għandu jinkludi speċifikazzjoni tal-fjuwil li għandu jintuża mill-bastiment f'konformità mar-rekwiżiti ta' "La Tagħmel Ħsara Sinifikanti" stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-investment.
85a	5.2.a bastiment tax-xogħol multifunzjonali	Stadju importanti	Bastiment ikkunsinnat	Bastiment ikkunsinnat u aċċettat				Q2	2026	Il-bastiment tax-xogħol multifunzjonali għandu jitwassal skont id-deskrizzjoni, il-kriterji u l-kundizzjonijiet kif stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-investment, u għandu jiġi aċċettat mill-Flotta Nazzjonali (Riigilaevastik).

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma iew)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal-stadii)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
86a	5.3.a kostruzzjoni tal-vjadotti tal-Ferroviji Baltiċi	Stadju importanti	Kuntratti ta' xogħlijiet għall-kostruzzjoni ta' vjadotti tal-Ferroviji Baltiċi	Kuntratti ta' xogħlijiet iffirmati				Q3	2023	Kuntratti ta' xogħlijiet iffirmati għall-viadutti tal-Ferroviji Baltiċi li ġejjin: Il-viadutt ta' Kangru, il-viadutt ta' Raudalu, il-viadutt ta' Raku, il-viadutt tad-dawl ta' Männiku u l-mina tat-traffiku tad-dawl ta' Männiku.
87a	5.3.a Kostruzzjoni tal-vjadotti tal-Ferroviji Baltiċi	Mira	Vjadotti kompluti		Għadd ta' vjadotti	0	5	Q1	2026	Il-kostruzzjoni tal-viadutti Rail Baltic li ġejjin tlestiet u ġiet aċċettata mill-awtorità kontraenti: Il-viadutt ta' Kangru, il-viadutt ta' Raudalu, il-viadutt ta' Raku, il-viadutt tad-dawl ta' Männiku u l-mina tat-traffiku tad-dawl ta' Männiku.
89	5.4 kostruzzjoni tal-linja tat-tramm tal-Port il-Qadim ta' Tallinn	Stadju importanti	Tlestija tad-disinn tal-proġett ta' kostruzzjoni tat-tramm	Approvazzjoni tad-disinn tal-proġett				Q4	2021	Il-Bord tal-Ippjanar Urban u l-Utilitajiet ta' Tallinn għandu jadotta d-disinn tal-proġett ta' kostruzzjoni tat-tramm.
90	5.4 kostruzzjoni tal-linja tat-tramm tal-Port il-Qadim ta' Tallinn	Stadju importanti	Għoti ta' kuntratt ta' xogħlijiet	Kuntratt iffirmat għall-kostruzzjoni tal-linja tat-tramm				Q2	2022	Kuntratt ta' xogħlijiet konkluż bejn il-Bord tal-Ippjanar Urban u l-Utilitajiet ta' Tallinn u l-kuntrattur għall-kostruzzjoni tal-linja tat-tramm bejn it-triq Gonsiori u Põhja Puistee
91	5.4 kostruzzjoni tal-linja tat-tramm tal-Port il-Qadim ta' Tallinn	Mira	Linja tat-tramm ġdida li qed topera		Metri tal-linja tat-tramm	0	2500	Q4	2025	Is-sezzjoni tat-tramm b'tul ta' 2500 metru għandha timtela u titqiegħed fis-servizz skont l-ittra ta' awtorizzazzjoni maħruġa mill-Belt ta' Tallinn.

Numru sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma iew)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadii)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
92	5.5 investimenti tal-muniċipalitajiet fir-roti u l-mixi	Stadju importanti	Sejħa għal proposti għal għotjiet	Pubblikazzjoni tal-avviż għal sejħa għal proposti għal għotjiet				Q4	2022	Għandha tiġi ppubblikata sejħa miftuħa għall-investiment mill-muniċipalitajiet fir-roti u l-mixi.
93	5.5 investimenti tal-muniċipalitajiet fir-roti u l-mixi	Mira	L-infrastruttura għar-roti u għall-mixi tlestiet		Km ta' roti u passaġġi	0	24	Q4	2025	Għandhom jinbnew mill-inqas 24 kilometru ta' roti u mogħdijiet għall-mixi bħala riżultat tal-iskema ta' appoġġ. Dawn għandhom ġeneralment ikunu modi ġodda. F'każijiet ġustifikati, ir-rikostruzzjoni tar-roti u tal-mixi eżistenti għandha tkun permessa, bħal jekk il-wisa' tal-passaġġ eżistenti ma tilħaqx l-istandards, u b'hekk ikun impossibbli għall-mixi u għaċ-ċiklisti li jiċċaqalqu simultanjament b'mod sikur u mingħajr interferenza.

F. KOMPONENT 6: IL-KURA TAS-SAĦĦA U L-PROTEZZJONI SOĊJALI

Dan il-komponent tal-pjan Estonjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jindirizza l-isfidi relatati mar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa u l-aċċess għaliha, l-adekwatezza tax-xibka tas-sikurezza soċjali, l-aċċessibbiltà tas-servizzi soċjali u l-qgħad fost iż-żgħażaġh. L-għanijiet tal-miżuri inklużi fil-komponent huma li: tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa, issaħħaħ il-kura primarja u l-isptar, testendi t-tul tal-benefiċċju tal-assigurazzjoni tal-qgħad f'perjodi ta' qgħad għoli, ittejjeb l-aċċess għas-servizzi soċjali, tindirizza l-qgħad fost iż-żgħażaġh u tnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż, dwar it-titjib tal-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, inkluż billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema tas-saħħa, tissaħħaħ il-kura primarja u tiġi żgurata l-provvista ta' prodotti mediċi kritiċi (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2020), dwar it-titjib tax-xibka tas-sigurtà soċjali, iż-żieda fl-aċċess għas-servizzi soċjali b'mod integrat (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2019, ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2022) u dwar it-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, inkluż billi tittejjeb it-trasparenza fil-pagi (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

6.1. Riforma: Bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja

L-oġġettiv tar-riforma huwa li ttejjeb ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa Estonjana, inkluż biex tlaħħaq mal-kriżijiet, u b'hekk tiżgura li n-nies ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa integrata u ta' kwalità għolja fl-Estonja kollha. Ir-riforma tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

- (i) Sal-31 ta' Diċembru 2024 għandu jiġi adottat Pjan Direzzjonali għall-Iżvilupp tan-Network tal-Isptarijiet li għandu jiddeskrivi n-network konsolidat tal-isptarijiet sabiex jittejjbu l-effiċjenza u l-infrastruttura, u jiddefinixxi l-ispeċjalizzazzjoni tal-isptarijiet biex titnaqqas ir-rata għolja ta' ħtieġa mhux issodisfata għall-kura medika.
- (ii) In-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa għandu jiġi indirizzat permezz ta' tliet miżuri:
 - a. Sal-31 ta' Diċembru 2022 għandu jiġi adottat qafas strateġiku li għandu jiddeskrivi l-provvista tas-servizzi tas-saħħa f'id-diversi setturi tas-saħħa, b'mod partikolari l-kura speċjalizzata, l-allokazzjoni tar-riżorsi fiżiċi u umani, u l-mekkaniżmu ta' finanzjament biex jiġi żgurat l-għoti ta' kura tas-saħħa ta' kwalità tajba madwar il-pajjiż. Sal-2023, l-ammissjoni għat-taħriġ tal-infermiera għandha tiżdied b' 5 % meta mqabbla mal-2020.
 - b. L-iskema ta' rimborż għat-tobba u l-ispiżjara għandha tiġi emendata sabiex tinċentiva l-forza tax-xogħol tas-saħħa biex taħdem f'żoni remoti.
 - c. L-iskema ta' rimborż għall-infermiera għandha tiġi stabbilita sabiex tinċentivahom jaħdmu f'żoni remoti.
 - d. Il-Ftehim bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u l-Università ta' Tartu għandu jiġi emendat biex jistabbilixxi rekwiżiti għaż-żieda gradwali tad-dħul f'ċerti professjonijiet b'nuqqasijiet, b'mod partikolari tobba tal-familja, psikjatri, mard intern. L-emenda għandha tidħol fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2026.

6.2. [imħassar]

6.2.a Investiment: Kostruzzjoni ta' TERVIKUM

L-investiment għandu l-għan li jikkontribwixxi għat-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa kif ukoll l-għoti tal-kura tas-saħħa u l-kura soċjali b'mod integrat.

L-investiment jikkonsisti fil-bini ta' ċentru tas-saħħa ġdid fil-belt ta' Viljandi. L-investiment għandu jkollu żewġ partijiet, sptar ġenerali u ċentru tal-kura tas-saħħa primarja.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

6.3. Riforma: It-tisħiħ tal-kura tas-saħħa primarja

L-għan tar-riforma huwa li tiżgura l-aċċess għall-kura medika ġenerali, ittejjeb il-kontinwità tat-trattament u tagħmel il-provvista tal-kura tas-saħħa primarja aktar flessibbli u ċċentrata fuq il-bniedem. Ir-riforma tikkonsisti fi tliet sottomiżuri. L-ewwel nett, sabiex jittejjeb l-aċċess għall-kura speċjalizzata, l-użu tal-konsultazzjoni elettronika fil-kura primarja ġie estiż fit-30 ta' Settembru 2020 u ppermetta li l-pazjenti jingħataw pariri minn speċjalista mingħajr ma jkollhom għalfejn jikkonsultawhom wiċċ imb wiċċ. It-tieni nett, il-leġislazzjoni daħlet fis-seħħ fl-31 ta' Marzu 2021 li ttejjeb l-aċċess għall-kura tas-saħħa billi żżid il-livell ta' appoġġ għat-tobba ġeneralisti u billi timmodifika l-mudell ta' finanzjament għall-kura medika ġenerali bl-għan li tagħmel ix-xogħol f'ċentri tas-saħħa primarja f'żoni remoti aktar attraenti. It-tielet, l-Att dwar l-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa għandu jiġi emendat fir-rigward tal-ġestjoni tal-lista tal-pazjenti, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura primarja u jiġu estiżi d-drittijiet tal-infermiera li jippreskrivu l-mediċini lill-pazjenti.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

6.4. Riforma: Tiġdid tal-Governanza tas-Saħħa elettronika

L-objettiv tar-riforma huwa li taġġorna l-qafas ta' governanza għas-Saħħa elettronika bil-ħsieb li twieġeb aħjar għall-ħtiġijiet tas-sistema tas-saħħa u tiżgura l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali biex tappoġġa sistema tas-saħħa sostenibbli fl-Estonja. Ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni ta' mudell ta' governanza nazzjonali rivedut għat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tas-sistema tas-saħħa attwali biex tipprowdi mudell ġdid ta' governanza tas-Saħħa-e li jħares' il quddiem u tippromwovi fehim komuni fost is-sħab tad-diviżjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet fis-Saħħa elettronika.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

6.5. [imħassar]

6.6. Investiment: Il-provvista ta' miżuri tas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh

L-għan tal-investiment huwa li jgħin liż-żgħażaġh bi ftit esperjenza ta' xogħol isibu impjieg. Il-leġislazzjoni dwar l-iskema mġedda "L-Ewwel Impjieg Tiegħi" (MIT) għandu jkollha żewġ komponenti: sussidju tal-pagi mħallas lill-impjegatur u r-rimborż tal-ispejjeż tat-taħriġ ta' żaġhzuġh. Sussidju tal-pagi u allowance għat-taħriġ (sa EUR 2 500) għandhom jitħallsu lil impjegatur li

jimpjega żaġżuġ bejn is-16 u d-29 sena u rreġistrat bħala qiegħed mingħajr ebda esperjenza ta' xogħol jew b'esperjenza ta' xogħol għal żmien qasir biss. Il-miżura MIT għandha tiġi integrata ma' servizzi oħra, b'mod partikolari b'appoġġ ta' segwitu għaż-żgħażaġh u l-impjegaturi lil hinn mill-bidu tar-relazzjoni ta' impjieg. L-għan huwa, b'mod partikolari, li jiġi evitat it-tmiem prematur tar-relazzjoni ta' impjieg u li jiġu identifikati, f'kooperazzjoni mal-persuna li timpjega u maż-żgħażaġh, il-ħtiġijiet ta' taħriġ taż-żgħażaġh. Sat-30 ta' Ġunju 2022 għandu jiġi ppreżentat Pjan ta' Azzjoni msaħħaħ għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ li għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-investment b'miżuri addizzjonali li jappoġġaw liż-żgħażaġh qiegħda. B'mod partikolari, għandu jinkludi miżuri biex jittejjbu l-ħiliet taż-żgħażaġh, jiddefinixxi azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, inkluż is-sensibilizzazzjoni u l-prevenzjoni tas-sitwazzjoni tan-NEETs u jiddefinixxi l-partijiet ewlenin u r-rwoli tagħhom biex jipprevjenu u jittrattaw il-qgħad fost iż-żgħażaġh.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

6.7. Riforma: Estensjoni tat-tul ta' żmien tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad

L-oġettiv tar-riforma huwa li tindirizza l-isfida li ilha teżisti għat-titjib tal-adegwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali. Ir-riforma tikkonsisti fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu biex tiġi attivata l-estensjoni tal-perjodu tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad b' 60 jum, b'mod partikolari meta r-rata tal-qgħad irreġistrata taqbeż ir-rata ta' inflazzjoni/paga tal-qgħad li ma taċċellerax (NAIRU/NAWRU) b'marġni sinifikanti. Il-mekkaniżmu ta' estensjoni u l-marġni, li ma għandhomx ikunu ogħla minn 2 %, għandhom jiġu miftiehma fi djalogo mas-sħab soċjali. Il-miżura għandha l-għan li tgħin lin-nies inaqqsu perjodu itwal ta' qgħad f'kundizzjonijiet diffiċli tas-suq tax-xogħol.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2023.

6.8. Riforma: Kura fuq terminu twil

L-għan tar-riforma huwa li ttejjeb l-għoti ta' kura fit-tul. Ir-riforma tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(i) L-emendi għall-Att dwar l-Għajnuna Soċjali għandhom jistabbilixxu d-definizzjoni ta' kura fit-tul u jirrikjedu li l-awtoritajiet lokali jqisu l-prinċipju li persuna trid tkun tista' tgħix kemm jista' jkun fit-tul fid-dar tagħha, fl-ambjent tas-soltu tagħha, b'servizzi ta' kwalità suffiċjenti disponibbli. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2022.

(ii) Pjan ta' Azzjoni dwar l-għoti ta' kura soċjali u tas-saħħa b'mod integrat għandu jipprovdi għall-istabbiliment ta' mudell ta' kura integrata fl-Estonja kollha, jistabbilixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi involuti u jiddefinixxi l-finanzjament tas-sistema. Il-pjan ta' Azzjoni għandu jiġi adottat sal-31 ta' Diċembru 2022.

(iii) Digriet tal-Ministru tal-Protezzjoni Soċjali għandu jiddefinixxi t-tfassil u l-karatteristiċi tas-servizzi ta' kura mill-awtoritajiet lokali lil persuni bi bżonnijiet ta' kura aktar baxxi, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tagħhom. B'mod partikolari, għandha tinkludi investimenti adegwati u żvilupp ta' servizzi mill-awtoritajiet lokali biex jipprovdu għal għajxien indipendenti għal persuni anzjani bi bżonnijiet ta' kura aktar baxxi u persuni b'diżabilità biex jappoġġaw għajxien indipendenti. Id-digriet tal-Ministru tal-Protezzjoni Soċjali sal-31 ta' Diċembru 2024.

(iv) L-emendi leġislattivi li għandhom l-għan li jtejjbu s-sistema ta' appoġġ għal tfal bi ħtiġijiet ta' kura ogħla għandhom jipprovdu għall-immodernizzar u l-integrazzjoni ta' servizzi għal tfal bi ħtiġijiet ta' kura ogħla. B'mod partikolari, is-servizzi fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali u l-impjieg għandhom jiġu integrati sabiex jipprovdu appoġġ komprensiv għall-familji taħt piż tal-kura. Is-sistema attwali ta' appoġġ għandha tiġi ssimplifikata u l-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet ta' kura għandhom jiġu kkonsolidati sabiex il-ġenituri jkollhom punt ta' kuntatt sigur

għall-pariri u l-appoġġ inizjali. L-emendi leġiżlattivi għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2025.

6.9. Riforma: It-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa

L-għan tar-riforma huwa li titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Benessri għall-2023–2030 u l-implimentazzjoni tiegħu u l-introduzzjoni ta' għodda diġitali tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.

Il-pjan ta' Żvilupp tal-Benessri għandu jiġi adottat sal-31 ta' Marzu 2024 u għandu jistabbilixxi l-oġettivi strateġiċi tat-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali u l-faqar, l-iżgurar tal-ugwaljanza bejn is-sessi u inklużjoni soċjali akbar, u l-promozzjoni tat-trattament ugwali ta' persuni li jagħmlu parti minn gruppi ta' minoranza. Il-pjan ta' Żvilupp għandu jiddeskrivi miżuri biex titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, b'mod partikolari billi tiżdied it-trasparenza fil-pagi, titnaqqas il-prevalenza u l-impatt negattiv tal-istereotipi tas-sessi fuq il-ħajja u d-deċiżjonijiet tan-nisa u l-irġiel, inkluż fir-rigward tal-għażliet edukattivi u tal-karriera u l-piż tal-kura, u l-appoġġ għal implimentazzjoni aktar effettiva tal-Att dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

Għodda diġitali tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għandha tiġi introdotta sal-31 ta' Marzu 2024 li għandha toffri lill-impjegaturi għodda sempliċi u faċli biex jirċievu u janalizzaw data u informazzjoni dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u r-raġunijiet possibbli tagħha fl-organizzazzjonijiet tagħhom u b'hekk tappoġġahom fit-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati u fit-teħid ta' azzjoni effettiva biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' paga ugwali u biex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
94	6.1 bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-Gvern dwar il-pjan direzzjonali għall-iżvilupp tan-netwerk tal-Isptarijiet	Dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-Gvern				Q4	2024	Dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-Gvern li għandha tistabbilixxi: - il-lista ta' sptarijiet reġjonali, ċentrali, lokali u ta' riabilitazzjoni sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa; - ir-rekwiżiti, l-għanijiet u l-passi li għandhom jittieħdu għall-konsolidazzjoni tan-netwerk tal-isptarijiet; - l-investimenti meħtieġa għall-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni u t-tfassil mill-ġdid ta' profili tal-isptarijiet inklużi fil-lista ta' sptarijiet.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
95	6.1 bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Stadju importanti	Approvazzjoni tal-Qafas Strateġiku biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa	Approvazzjoni tal-Qafas Strateġiku biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa mill-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol				Q4	2022	Il-qafas Strateġiku biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa għandu jiddeskrivi: - miżuri dwar l-organizzazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa fis-setturi differenti tas-saħħa, b'mod partikolari l-kura speċjalizzata, - l-allokazzjoni ta' riżorsi fiżiċi u umani biex tiġi żgurata l-provvista tal-kura tas-saħħa fit-territorju kollu, mekkaniżmi ta' finanzjament, governanza u skambju ta' informazzjoni li jiżguraw il-prestazzjoni fil-pajjiż kollu.
96	6.1 bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol li jemendaw is-sistema ta' rimborż għat-tobba u l-ispiżjara	Dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol li għandhom itejbu s-sistema ta' rimborż għat-tobba u l-ispiżjara biex jinċentivaw il-forza tax-xogħol tas-saħħa biex taħdem f'żoni remoti.
96a	6.1 bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol u l-emenda għall-Att dwar l-Organizzazzjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa li jistabbilixxi s-sistema ta' rimborż għall-infermiera	Dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol u l-emenda għall-Att dwar l-Organizzazzjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa				Q2	2024	Id-dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol u l-emenda għall-Att dwar l-Organizzazzjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa li għandu jistabbilixxi s-sistema ta' rimborż għall-infermiera biex jinċentivawhom jaħdmu f'żoni remoti. Din is-sistema ta' rimborż għandha tkopri infermiera ta' prattika ġenerali u avvanzata, fil-kura tas-saħħa primarja u fl-isptarijiet.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
97	6.1 bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Mira	Ammissjoni għal taħriġ tal-infermerija		Żieda perċentwali fl-għadd ta' persuni ammessi għat-taħriġ tal-infermiera	0	5	Q4	2023	L-ammissjonita' persuni fit-taħriġ tal-infermiera żdiedet b' 5 % meta mqabbla mal-2020.
98	6.1 bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tar-Regolament Ministerjali li jemenda l-ftehim bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u l-Università ta' Tartu dwar in-nuqqas ta' tobba f'ċerti speċjalizzazzjonijiet	Dħul fis-seħħ tar-Regolament Ministerjali u ftehim bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u l-Università ta' Tartu				Q2	2026	Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Ministerjali li jemenda l-ftehim bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u l-Università ta' Tartu li għandu jistabbilixxi r-rekwiżiti għaż-żieda gradwali tad-dħul f'ċerti professjonijiet b'nuqqasijiet, b'mod partikolari tobba tal-familja, psikjatri, mard intern.
99a	6.2.a Kostruzzjoni ta' TERVIKUM	Stadju importanti	Firma tal-kuntratt għall-kostruzzjoni ta' TERVIKUM	Firma tal-kuntratt				Q2	2023	Ir-Riigi Kinnisvara AS (ir-rappreżentant tal-Viljandi Haigla) u l-kuntrattur għandhom jiffirmaw kuntratt għall-kostruzzjoni ta' TERVIKUM, inkluża l-installazzjoni tas-sistemi tekniċi użati fil-bini, b'mod partikolari t-tagħmir tekniku għat-tisħin, it-tkessiħ, il-ventilazzjoni, l-ilma sħun, it-tidwil u l-produzzjoni tal-elettriku, il-kejl, il-monitoraġġ u s-sistemi ta' kontroll u xogħlijiet interni.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
100a	6.2.a kostruzzjoni ta' TERVIKUM	Stadju importanti	Kostruwita ta' TERVIKUM	TERVIKUM mibni u mgħammar				Q4	2025	Il-kostruzzjoni tat-TERVIKUM, li tikkonsisti fi sptar ġenerali u ċentru tal-kura tas-saħħa primarja, għandha titlesta, u l-bini għandu jiġi fornuta bit-tagħmir meħtieġ biex it-TERVIKUM isir operattiv.
106	6.3 tisħiħ tal-kura tas-saħħa primarja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Gvern, li jemenda l-lista tas-servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Fond tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Estonjan dwar l-aċċess għall-kura medika speċjalizzata	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għad-Digriet tal-Gvern				Q3	2020	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi li għandhom itejbu l-aċċess għall-kura speċjalizzata billi jestendu l-użu tal-konsultazzjoni elettronika fil-kura primarja li tippermetti li l-pazjenti jingħataw pariri minn speċjalista mingħajr ma jkollhom għalfejn jikkonsultawhom wiċċ imb wiċċ.
107	6.3 tisħiħ tal-kura tas-saħħa primarja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi għad-Digriet tal-Gvern li jemenda l-lista tas-servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Fond tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Estonjan dwar l-ispejjeż u s-servizzi tat-tobba ġeneralisti	Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi għad-Digriet tal-Gvern				Q1	2021	Għandhom jidħlu fis-seħħ emendi leġiżlattivi li jipprevedu l-finanzjament ta' spejjeż fissi u servizzi għat-tobba ġeneralisti sabiex tiżdied l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-prattika medika primarja barra miż-żoni metropolitani, speċjalment f'żoni remoti, u biex jiżdied l-aċċess tal-pazjenti għas-servizzi dijanjostiċi u ta' skrinjar.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
108	6.3 tisħiħ tal-kura tas-saħħa primarja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar l-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa li għandhom jemendaw il-ġestjoni tal-lista tal-pazjenti, jiżguraw il-kontinwità tal-kura primarja u jestendu d-drittijiet tal-infermiera li jippreskrivu l-mediċini lill-pazjenti.
109	6.4 tiġdid tal-Governanza tas-Saħħa elettronika	Stadju importanti	Approvazzjoni tal-Qafas ta' Governanza tas-Saħħa elettronika u l-pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni tiegħu	Approvazzjoni tal-proposta dwar il-Qafas ta' Governanza tas-Saħħa elettronika u pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-“Eesti Tervise IKT juhtimise raamistik”				Q2	2023	L-approvazzjoni tal-proposta dwar il-Qafas ta' Governanza u l-pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni li għandhom jaġġornaw il-qafas ta' governanza għas-Saħħa elettronika u l-koordinazzjoni tal-iżvilupp tas-servizzi tas-Saħħa elettronika.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
113	6.6 provvediment ta' miżuri tas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol biex tissaħħaħ l-iskema "L-Ewwel Impjieg Tiegħi"	Dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol li għandu jiddefinixxi l-karatteristiċi tal-iskema u l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tagħha, inkluż il-finanzjament u l-grupp fil-mira. L-għan tal-iskema għandu jkun li tippermetti liż-żgħażaġh mingħajr esperjenza ta' xogħol jew bi ffit esperjenza ta' xogħol jiksibu esperjenza ta' xogħol u jtejbu l-ħiliet tagħhom biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol.
114	6.6 provvediment ta' miżuri tas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh	Stadju importanti	Il-garanzija għaż-Żgħażaġħ Pjan ta' Azzjoni	Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni msaħħaħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ mill-Gvern				Q2	2022	Il-Gvern għandu jadotta Pjan ta' Azzjoni emendat ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ biex jappoġġa l-impjieg taż-żgħażaġh. Dan il-pjan ta' azzjoni għandu — jinkludi miżuri biex jittejjbu l-ħiliet taż-żgħażaġh, — jiddefinixxi azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, inkluż is-sensibilizzazzjoni u l-prevenzjoni tas-sitwazzjoni tan-NEETs — tiddefinixxi l-partijiet ewlenin u r-rwoli tagħhom fil-prevenzjoni u t-trattament tal-qgħad fost iż-żgħażaġh.
115	6.6 provvediment ta' miżuri tas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh	Mira	Numru ta' żgħażaġh li jipparteċipaw fl-iskema "L-Ewwel Impjieg Tiegħi"		In-numru ta' parteċipanti	0	3178	Q4	2025	Mill-inqas 3 178 żagħżuġh u żagħżuġha ta' bejn is-16 u d-29 sena pparteċipaw fl-iskema "L-Ewwel Impjieg Tiegħi" (għadd kumulattiv ta' parteċipanti).

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
116	6.7 estensjoni tat-tul ta' żmien tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi għall — L-att dwar is-Servizzi u l-Benefiċċji tal-Qgħad u L-att dwar l-Assigurazzjoni tal-Qgħad	Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi				Q2	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att li għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu permanenti biex tiġi attivata l-estensjoni tad-durata tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad b' 60 jum, b'mod partikolari meta r-rata tal-qgħad irreġistrata taqbeż ir-rata ta' inflazzjoni/paga tal-qgħad li ma taċċellerax b'marġni sinifikanti. Il-mekkaniżmu ta' estensjoni u l-marġni, li ma għandhomx ikunu ogħla minn 2 %, għandhom jiġu miftiehma fi djalogu mas-sħab soċjali.
117	6.8 kura fit-tul	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Għajnuna Soċjali	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi				Q2	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għall-Att dwar l-Għajnuna Soċjali li għandhom jistabbilixxu l-kunċett ta' kura fit-tul u jirrikjedu li l-awtoritajiet lokali jqisu l-prinċipju li persuna trid tkun tista' tgħix kemm jista' jkun f'darha, fl-ambjent tas-soltu tagħha, b'servizzi ta' kwalità suffiċjenti disponibbli.
118	6.8 kura fit-tul	Stadju importanti	Pjan ta' Azzjoni dwar mudell ta' kura integrata	Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni				Q4	2022	Il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali għandu jadotta Pjan ta' Azzjoni li jipprevedi l-istabbiliment ta' mudell ta' kura integrata fl-Estonja kollha u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi involuti fil-mudell futur ta' finanzjament tas-sistema.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija	Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
119	6.8 kura fit-tul	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-digriet tal-Ministru tal-Protezzjoni Soċjali	Dħul fis-seħħ tad-digriet tal-Ministru tal-Protezzjoni Soċjali				Q4 2024	Id-digriet tal-Ministru tal-Protezzjoni Soċjali għandu jiddefinixxi d-disinn u l-karatteristiċi tas-servizzi mill-awtoritajiet lokali lil persuni bi bżonnijiet ta' kura aktar baxxi, kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħhom. B'mod partikolari, għandu jinkludi investimenti u żvilupp ta' servizzi mill-awtoritajiet lokali biex jipprovdu għal għajxien indipendenti għal persuni anzjani bi bżonnijiet ta' kura aktar baxxi u persuni b'diżabilità biex jappoġġaw għajxien indipendenti.
120	6.8 kura fit-tul	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi tas-sistema ta' appoġġ għal tfal bi bżonnijiet ta' kura għolja	Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi				Q1 2025	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi li għandhom jipprovdu għall-immodernizzar u l-integrazzjoni ta' servizzi għal tfal bi bżonnijiet ta' kura oġġla. B'mod partikolari, — is-servizzi fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali u l-impjiegi għandhom jiġu integrati sabiex jipprovdu appoġġ komprensiv għall-familji taħt il-piż tal-kura, u — is-sistema attwali ta' appoġġ għandha tiġi ssimplifikata u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' kura għandha tiġi kkonsolidata sabiex il-ġenituri jkollhom punt ta' kuntatt sigur għall-pariri u l-appoġġ inizjali.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
121	6.9 it-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Benessri 2023–2030 mill-gvern	Adozzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Benessri				Q1	2024	Il-pjan għandu jiddeskrivi l-miżuri biex titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.
122	6.9 it-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa	Stadju importanti	Għodda diġitali tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa	L-iżvilupp ta' prototip ta' għodda għad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa				Q4	2022	Għandu jiġi żviluppat prototip ta' għodda għad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għall-impjegaturi bl-għan li jiġu pprovduti b'data u informazzjoni dwar id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u r-raġunijiet possibbli tagħha fl-organizzazzjonijiet tagħhom u b'hekk jiġi appoġġat it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati u t-teħid ta' azzjoni effettiva sabiex jiġi implimentat il-prinċipju ta' paga ugwali u titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.
123	6.9 it-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa	Stadju importanti	Għodda diġitali tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa	L-introduzzjoni ta' għodda diġitali tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa				Q1	2024	L-għodda diġitali tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għandha tkun disponibbli għall-impjegaturi bl-għan li ttiprovdihom data u informazzjoni dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u r-raġunijiet possibbli tagħha fl-organizzazzjonijiet tagħhom u b'hekk tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati u t-teħid ta' azzjoni effettiva sabiex jiġi implimentat il-prinċipju ta' paga ugwali u titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi.

G. VERIFIKA TA' KONTIJET U KONTROLL

G.1. DESKRIZZJONI TAR-RIFORMI U L-INVESTIMENTI GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU MHUX RIPAGABBLI

L-objettiv tar-riforma huwa li jiġi stabbilit il-qafas legali għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Hija għandha tiddefinixxi r-rwoli li għandhom l-entitajiet pubbliċi rilevanti fl-implimentazzjoni tal-pjan u kif dawn il-korpi għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

G.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
124	Monitoraġġ u implimentazzjoni tal-pjan	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Gvern dwar il-qafas legali għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Estonja.	Dħul fis-seħħ tar-regolamentazzjoni tal-gvern				Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi l-qafas legali għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Estonja qabel ma ssir l-ewwel talba għal pagament. Ir-Regolament għandu tal-anqas jiddefinixxi l-awtoritajiet involuti fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Estonja u l-kompiti tagħhom inklużi l-kompiti tal-Ministeru tal-Finanzi, il-ministeri settorjali u ċ-Ċentru ta' Servizzi Kondiviżi tal-Istat.

H. KOMPONENT 8: REPOWEREU

Il-Kapitolu REPowerEU jindirizza l-isfida tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. L-għanijiet tal-komponent huma li jiffaċilita l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli; li jiffaċilita d-dekarbonizzazzjoni ta' setturi ekonomiċi magħżula; li tiżdied il-kapaċità tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku; li tingħata spinta lill-użu tal-bijometan sostenibbli u li titħaffef l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

Il-Kapitolu tar-REPowerEU jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' aktar simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi u t-tisħiħ tan-network domestiku tal-elettriku (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 fl-2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

L-implimentazzjoni tal-miżura li tiffaċilita l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-miżura biex jiżdied l-aċċess tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku u l-miżura li żżid il-produzzjoni u l-użu tal-bijometan sostenibbli huma kollha mistennija li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Iż-żieda fis-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli għandha dimensjoni transfruntiera jew multinazzjonali, speċjalment fir-reġjun Baltiku u fil-Finlandja, minħabba li tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni kollha kemm hi. Inqas dipendenza fuq il-fjuwils fossili importati se toħloq ukoll valur miżjud Ewropew peress li se tillibera l-provvista għal Stati Membri oħra, fis-sitwazzjoni attwali ta' restrizzjonijiet fuq il-provvista tal-gass naturali, u sakemm Stati Membri oħra jirnexxilhom inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq il-fjuwils fossili.

H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

8.1 Riforma: L-iffaċilitar tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tiffaċilita l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-enerġija mir-riħ. Ir-riforma għandha tikkonsisti minn:

- Id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi biex jiġu ssimplifikati l-proċessi tal-ippjanar, tal-permessi u tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali għall-proġetti tal-enerġija eolika.
- Il-Gvern għandu jstabbilixxi żoni ta' żvilupp ta' prijorità tar-riħ fuq il-bażi ta' rapport tekniku li jidentifika oqsma prijoritarji ta' żvilupp b'potenzjal totali stmat li jipproduċu 1 000 MW.
- L-awtoritajiet lokali għandhom jirċievu appoġġ biex itejbu l-proċeduri amministrattivi, inkluż l-għoti ta' permessi, għall-iżvilupp tal-enerġija eolika.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

8.2 Investiment: Programm biex jiżdied l-aċċess tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku

L-għan ta' dan l-investment huwa li tiżdied il-kapaċità tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku. In-nuqqas ta' kapaċità tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku bħalissa jillimita l-użu tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. L-investimenti għandhom jinvolvu xogħlijiet fin-network tal-elettriku biex tiżdied il-kapaċità tan-network b' 160 MW.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

8.3. *Investiment: Żieda fil-produzzjoni u l-użu ta' bijogass u bijometan sostenibbli*

L-għan ta' din il-miżura huwa li tingħata spinta lill-użu tal-bijogass sostenibbli u tal-bijometan sostenibbli f'konformità mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II) u li titħaffef l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. L-investment għandu jikkonsisti f'subinvestimenti.

Wieħed mis-subinvestiment jikkonsisti fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet regolatorji, organizzattivi u finanzjarji meħtieġa biex jiżdiedu l-produzzjoni u l-użu tal-bijogass sostenibbli u tal-bijometan sostenibbli. Is-sottoinvestiment wieħed jikkonsisti f'żewġ elementi:

1. L-Estonja għandha tikkummissjona sħarriġ indipendenti li jidentifika l-interventi regolatorji, organizzattivi u finanzjarji meħtieġa li għandhom jinbdeu u jiġu implimentati biex jiżdiedu l-produzzjoni u l-użu tal-bijogass sostenibbli u tal-bijometan sostenibbli. L-istħarriġ għandu jipprovdi valutazzjoni tal-volumi storiċi u attwali tal-konsum tal-gass naturali, tal-bijogass u tal-bijometan u pjan direzzjonali għad-domanda futura biex jintwera l-potenzjal tal-bijogass sostenibbli u l-produzzjoni sostenibbli tal-bijometan bħala sostitut għall-gass naturali maż-żmien. Ir-rapport finali dwar l-istħarriġ għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ambjent.
2. Il-Gvern għandu japprova pjan ta' azzjoni għall-produzzjoni u l-użu ta' bijogass sostenibbli u bijometan sostenibbli. Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi lista ta' bidliet leġiżlattivi u interventi meħtieġa biex jiżdiedu l-produzzjoni u l-użu tal-bijogass sostenibbli u tal-bijometan sostenibbli.

It-tieni sottoinvestiment jikkonsisti fil-bini ta' faċilitajiet ta' produzzjoni. L-appoġġ mill-miżura għandu jżid il-kapaċità tal-produzzjoni tal-bijometan sostenibbli b'mill-inqas 4 000 000 metru kubu. Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għal għotjiet li jappoġġaw l-użu tal-bijometan għandha tinkludi l-kriterju tal-għażla li t-traffiku tat-trakkijiet li jittrasportaw il-bijoskart għandu jiġi minimizzat.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

H.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
125	8.1 I-iffaċilitar tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tas-sejħa għal proposti għall-appoġġ tal-awtoritajiet lokali	Pubblikazzjoni tas-sejħa għal proposti				Q3	2023	Għandha tiġi ppubblikata sejħa għal proposti biex tappoġġa lill-awtoritajiet lokali biex iqabbdu esperti jew jakkwistaw servizzi mmirati lejn it-titjib tal-proċeduri amministrattivi, inkluż l-ġoti ta' permessi, għall-iżvilupp tal-enerġija eolika.
126	8.1 I-iffaċilitar tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi għal-liġijiet rilevanti li jissimplifikaw il-proċessi tal-permessi, tal-ippjanar u tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali	Dħul fis-seħħ tal-emendi				Q2	2024	Għandhom jidħlu fis-seħħ emendi leġiżlattivi biex jissimplifikaw il-proċessi tal-permessi, tal-ippjanar u tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali għall-proġetti tal-enerġija eolika. Dawn għandhom jinkludu l-emendar tal-liġijiet li ġejjin sa fejn ikun meħtieġ: il-kodiċi tal-Bini, l-Att dwar l-Ilma, l-Att dwar l-Ippjanar, l-Att dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u s-Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali, l-Att dwar l-Imposti Ambjentali u l-Att dwar il-Foresti.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
127	8.1 l-iffaċilitar tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Stadju importanti	Deċiżjoni governattiva li tistabbilixxi oqsma ta' prijarità għall-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ	Deċiżjoni governattiva adottata				Q3	2024	Il-Gvern għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi oqsma prijaritarji ta' żvilupp tal-enerġija mir-riħ. Il-Gvern għandu jadotta d-deċiżjoni abbażi ta' rapport tekniku li għandu jkun identifika oqsma prijaritarji ta' żvilupp b'potenzjal totali stmat li jipproduċu 1 000 MW.
128	8.1 l-iffaċilitar tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Mira	Appoġġ għall-awtoritajiet lokali		Għadd ta' awtoritajiet lokali appoġġati	0	20	Q1	2025	20 l-awtoritajiet lokali għandhom ikunu rċewew appoġġ abbażi tas-sejħa għal proposti biex iqabbd u esperti jew jakkwistaw servizzi jew bl-użu ta' servizzi akkwistati ċentralment immirati biex itejbu l-proċeduri amministrattivi, inkluż l-għoti ta' permessi, għall-iżvilupp tal-enerġija eolika.
129	Programm 8.2 biex jiżdied l-aċċess tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għan-netwerk tad-distribuzzjoni tal-elettriku	Stadju importanti	L-iffirmar tal-ftehim ta' kofinanzjament għax-xogħlijiet tan-netwerk tad-distribuzzjoni tal-elettriku	Ftehim iffirmat				Q1	2024	L-iffirmar tal-ftehim ta' kofinanzjament, għax-xogħlijiet tan-netwerk tad-distribuzzjoni tal-elettriku, bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni u Elering AS bl-għan li tiżdied il-kapaċità tan-netwerk tad-distribuzzjoni tal-elettriku b' 160 MW.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
130	Programm 8.2 biex jiżdied l-aċċess tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għan-netwerk tad-distribuzzjoni tal-elettriku	Mira	Il-kostruzzjoni lesta u kapaċità addizzjonali ta' 160 MW disponibbli		MW ta' kapaċità addizzjonali disponibbli	0	160	Q1	2026	Ix-xogħlijiet tan-netwerk tad-distribuzzjoni tal-elettriku għandhom jitlestew u jirriżultaw f'żieda fil-kapaċità tan-netwerk tad-distribuzzjoni tal-elettriku b' 160 MW.
131	8.3 żieda fil-produzzjoni u fl-użu ta' bijogass u bijometan sostenibbli	Stadju importanti	Sejħa għal applikazzjonijiet għal għotjiet biex jappoġġaw l-użu tal-bijometan	Pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet				Q2	2024	Pubblikazzjoni ta' sejħa għal applikazzjonijiet għal għotjiet biex jiġi appoġġat l-użu ta' bijometan sostenibbli f'konformità mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II). Is-sejħa għandu jkun fiha, fost il-kriterji tal-għażla, ir-rekwiżit stabbilit fid-deskrizzjoni tal-investiment.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Sena	
132	8.3 żieda fil-produzzjoni u fl-użu ta' bijogass u bijometan sostenibbli	Stadju importanti	Stħarriġ indipendenti li jidentifika l-interventi regolatorji, organizzattivi u finanzjarji meħtieġa	Pubblikazzjoni tar-rapport finali dwar l-istħarriġ				Q4	2024	Ir-rapport finali dwar l-istħarriġ indipendenti li jidentifika l-interventi regolatorji, organizzattivi u finanzjarji meħtieġa li għandhom jinbnew u jiġu implimentati biex jiżiedu l-produzzjoni u l-użu tal-bijogass sostenibbli u tal-bijometan sostenibbli għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ambjent. Ir-rapport għandu jinkludi stima tal-potenzjal għal bijogass sostenibbli u bijometan sostenibbli bħala sostitut għall-gass naturali maż-żmien abbażi ta' analiżi tal-volumi ta' konsum storiċi u d-domanda futura.
133	8.3 żieda fil-produzzjoni u fl-użu ta' bijogass u bijometan sostenibbli	Stadju importanti	L-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni għall-produzzjoni u l-użu tal-bijogass u tal-bijometan	Pjan approvat				Q2	2025	Il-Gvern għandu japprova l-pjan ta' azzjoni għall-produzzjoni u l-użu ta' bijogass sostenibbli u bijometan sostenibbli. Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi lista ta' bidliet leġiżlattivi u interventi meħtieġa biex jiżiedu l-produzzjoni u l-użu tal-bijogass sostenibbli u tal-bijometan sostenibbli.
134	8.3 żieda fil-produzzjoni u fl-użu ta' bijogass u bijometan sostenibbli	Mira	Installazzjoni ta' kapaċità ġdida ta' produzzjoni tal-bijometan		Żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni installata ta' bijometan sostenibbli f'metri kubi	0	4 000 000	Q2	2026	Il-kapaċità installata għall-produzzjoni ta' bijometan sostenibbli għandha tiżdied b'mill-inqas 4 000 000 metru kubu taħt l-iskema ta' appoġġ.

2. L-ispiża totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-kost totali stmat tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU tal-Estonja huwa ta' EUR 953 330 000.

L-ispiża totali stmata tal-kapitolu REPowerEU hija ta' EUR 90 040 000. B'mod partikolari, il-kostijiet totali stmati tal-miżuri msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 21c(3) tar-Regolament (UE) 2023/435 huma ta' EUR 0 filwaqt li l-kostijiet tal-miżuri l-oħra fil-kapitolu tar-REPowerEU huma ta' EUR 90 040 000.

SEZZJONI 2: APPOĠĠ FINANZJARJU

1. Kontribuzzjoni finanzjarja

Il-pagamenti msemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiġu organizzati bil-mod li ġej:

L-ewwel Reġistrazzjoni (appoġġ li ma jitħallasx lura):

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem
23	2.1. Tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi	Stadju importanti	Il-ħolqien ta' Task Force għat-Tranżizzjoni Ekoloġika biex timplimenta u timmonitorja t-tranżizzjoni ekoloġika
28	2.3. Programmi ta' żvilupp ta' teknoloġija ekoloġika	Stadju importanti	Stabbiliment ta' grupp ta' ħidma biex jippjana u jistabbilixxi l-programm ta' żvilupp
37	2.6. Il-Fond Ekoloġiku	Stadju importanti	Firma ta' ftehim kuntrattwali bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni u SmartCap
38	2.6. Il-Fond Ekoloġiku	Stadju importanti	Adozzjoni tad-dokument ta' politika ta' investiment minn SmartCap
44	3.1. Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' ċentru ta' eċċellenza għall-governanza tad-data u d-data miftuħa	Stadju importanti	It-twaqqif ta' tim għall-ġestjoni tad-data fl-Uffiċċju tal-Istatistika, fil-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni u fl-Awtorità tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Istat
70	4.4. Nagħtu spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomija tal-enerġija	Stadju importanti	Deċiżjoni tal-gvern dwar l-investimenti meħtieġa biex jittaffew ir-restrizzjonijiet tal-ġholi relatati mad-difiża fuq il-parks eoliċi
71	4.4. Nagħtu spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomija tal-enerġija	Stadju importanti	Adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Gvern dwar il-bidu tal-proċess ta' tħejjija tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali tas-Settur tal-Enerġija, in-nomina ta' dawk responsabbli u l-iskadenzi

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem
74	4.5. Programm għat-tiżiħ tal-grilja tal-elettriku biex tiżied il-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għall-adattament għat-tibdil fil-klima (bħall-protezzjoni kontra l-maltempati)	Stadju importanti	Firma tal-kuntratt ta' kofinanzjament tal-investiment tan-network ma' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni
81	5.1. L-użu ta' infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija sikura, ekoloġika, kompetittiva, ibbażata fuq il-ħtiġijiet u sostenibbli	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp tat-Trasport u l-Mobilità 2021–2035 mill-Gvern
89	5.4. Kostruzzjoni tal-linja tat-tramm tal-Port il-Qadim ta' Tallinn	Stadju importanti	Tlestija tad-disinn tal-proġett ta' kostruzzjoni tat-tramm
106	6.3. It-tiżiħ tal-kura tas-saħħa primarja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Gvern, li jemenda l-lista tas-servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Fond tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Estonjan dwar l-aċċess għall-kura medika speċjalizzata
107	6.3. It-tiżiħ tal-kura tas-saħħa primarja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi għad-Digriet tal-Gvern li jemenda l-lista tas-servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Fond tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Estonjan dwar l-ispejjeż u s-servizzi tat-tobba ġeneralisti
113	6.6. Il-provvista ta' miżuri tas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol biex tissaħħaħ l-iskema "L-Ewwel Impjieġ Tiegħi"
124	Verifika u Kontroll	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Gvern dwar il-qafas legali għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Estonja.
		Ammont ta' ħlas bin-nifs	EUR 142 977 720

It-tieni reġistrazzjoni (appoġġ li ma jitħallasx lura):

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem
1	1.1. It-trasformazzjoni diġitali fl-intrapriżi	Stadju importanti	Sejħa għal proposti bi kriterji għall-għoti u kundizzjonijiet għall-għoti
11	1.4. Riforma tal-ħiliet għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni sekondarja li tistabbilixxi t-termini ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem
16	1.5.1. Appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin — Strateġiji nazzjonali u reġjonali	Stadju importanti	Preparazzjoni tal-iżvilupp ta' strateġiji
19	1.5.2. Appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin — Ċentri tan-negozju innovattivi fi swieq ewlenin tal-esportazzjoni	Stadju importanti	Analiżi preparatorja biex jiġu definiti l-kontenut u l-postijiet taċ-ċentri tan-negozju
21	1.5.3. Appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin — Gruppi b'impatt fuq l-esportazzjoni elettronika globali u stadji virtwali	Stadju importanti	It-twaqqif ta' gruppi tal-impatt u l-għażla ta' destinazzjonijiet għal missjonijiet diġitali globali
25	2.2. Ħiliet ekoloġiċi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni sekondarja li tistabbilixxi t-termini ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi
32	2.4. Modernizzazzjoni tal-mudelli ta' negozju fil-kumpaniji tal-manifattura	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-digriet ministerjali li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-ġhoti tal-eliġibbiltà
34	2.5. L-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti għal għotjiet
51	3.4. Programm #Bürokratt (pjattaforma u ekosistema nazzjonali ta' assistenti virtwali)	Mira	Aċċess għas-servizzi pubbliċi diġitali permezz tal-pjattaforma ta' assistent virtwali
54	3.5. Rikongurazzjoni ta' servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud	Stadju importanti	Żvilupp ta' servizzi ta' bażi tal-IT imwassla/kondiviżi ċentralment
65	4.2. Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini ta' appartamenti	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' sejħiet għal applikazzjonijiet għal għotjiet għar-rinnovazzjoni ta' bini ta' appartamenti residenzjali
68	4.3. Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali żgħir	Stadju importanti	Sejħiet ippubblikati għal għotja għar-rinnovazzjoni
90	5.4. Kostruzzjoni tal-linja tat-tramm tal-Port il-Qadim ta' Tallinn	Stadju importanti	Għoti ta' kuntratt ta' xogħlijiet

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
114	6.6. Il-provvista ta' miżuri tas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh	Stadju importanti	Pjan ta' Azzjoni ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ
117	6.8. Kura fuq terminu twil	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Għajnuna Soċjali
		Ammont ta' ħlas bin-nifs	EUR 142 977 720

It-tielet Reġistrazzjoni (appoġġ li ma jitħallasx lura):

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
7	1.3. Żvilupp ta' servizzi diġitali ta' poloz tal-vjeġġ	Mira	żvilupp ta' pjattaformi tal-eFTI (Informazzjoni elettronika dwar it-Trasport tal-Merkanzija)
24	2.1. Tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari mit-Task Force għal Tranżizzjoni Ekoloġika
41	2.7. Il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-digriet ministerjali li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ
47	3.2. Żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u servizzi pubbliċi diġitali proattivi għall-individwi	Mira	Tnedija ta' servizzi ta' avvenimenti tal-ħajja personali u/jew servizzi proattivi
49	3.3. Żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u portal diġitali għall-imprendituri	Mira	L-iskjerament ta' żviluppi tal-IT li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tas-servizzi ta' avvenimenti kummerċjali u l-portal
63	4.1. Promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika	Stadju importanti	Konklużjoni tal-ftehim ta' kooperazzjoni li jistipula l-kundizzjonijiet għall-kooperazzjoni bejn SA Kredex/Enterprise Estonia u ċ-ċentri ta' żvilupp tal-kontea
76	4.6. Programm biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-enerġija f'żoni industrijali	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti għal proġetti li jagħtu spinta lill-produzzjoni tal-enerġija f'siti industrijali
78	4.7. Programm Pilota għall-Ħżin tal-Enerġija	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti għal programm pilota għall-ħżin tal-enerġija

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
82	5.1. L-użu ta' infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija sikura, ekoloġika, kompetittiva, ibbażata fuq il-ħtiġijiet u sostenibbli	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Pjan ta' Implimentazzjoni għall-iżvilupp ekoloġiku tat-trasport pubbliku sostenibbli tal-Pjan ta' Żvilupp tat-Trasport u tal-Mobilità 2021–2035
92	5.5. Investimenti tal-muniċipalitajiet fir-roti u l-mixi	Stadju importanti	Sejħa għal proposti għal għotjiet
95	6.1. Bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Stadju importanti	Approvazzjoni tal-Qafas Strateġiku biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa
96	6.1. Bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħolli jemenda s-sistema ta' rimborż għat-tobba u l-ispiżjara
99a	6.2.a kostruzzjoni ta' TERVIKUM	Stadju importanti	Firma tal-kuntratt għall-kostruzzjoni ta' TERVIKUM
108	6.3. It-tisħiħ tal-kura tas-saħħa primarja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar l-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa
109	6.4. Tiġdid tal-Governanza tas-Saħħa elettronika	Stadju importanti	Approvazzjoni tal-Qafas ta' Governanza tas-Saħħa elettronika u l-pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni tiegħu
116	6.7. Estensjoni tat-tul ta' żmien tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar is-Servizzi u l-Benefiċċji tal-Qgħad u l-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-Qgħad
118	6.8. Kura fuq terminu twil	Stadju importanti	Pjan ta' Azzjoni dwar mudell ta' kura integrata
122	6.9. It-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa	Stadju importanti	Għodda diġitali tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa
		Ammont ta' ħlas bin-nifs	EUR 142 977 720

Ir-raba' reġistrazzjoni (appoġġ li ma jitħallasx lura):

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
2	1.1. It-trasformazzjoni diġitali fl-intrapriżi	Mira	Għoti ta' għotjiet
12	1.4. Riforma tal-ħiliet għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji	Mira	Reġistrazzjoni f'attivitajiet ta' taħriġ

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	Isem
17	1.5.1. Appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin — Strateġiji nazzjonali u reġjonali	Stadju importanti	Akkwist ta' studji
29	2.3. Programmi ta' żvilupp ta' teknoloġija ekoloġika	Stadju importanti	Twaqqif tal-Programm għall-Iżvilupp tat-Teknoloġiji Ekoloġiċi
35	2.5. L-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi	Mira	Għadd ta' proġetti mogħtija għotjiet wara s-sejħa għal proposti
43a	2.8 appoġġ għall-investiment fis-sigurtà tal-provvista	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tas-sejħa għall-proposti għall-għotjiet
55	3.5. Rikonfigurazzjoni ta' servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud	Mira	L-iskjerament ta' infrastruttura tal-cloud privata nazzjonali mill-awtoritajiet pubbliċi
56	3.5. Rikonfigurazzjoni ta' servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud	Stadju importanti	Estensjoni tal-infrastruttura tal-cloud għall-ambaxxata tad-data
84a	5.2.a bastiment tax-xogħol multifunzjonali	Stadju importanti	Kuntratt iffirmit għall-bini tal-bastiment
86a	5.3.a kostruzzjoni tal-vjadotti tal-Ferroviji Baltiċi	Stadju importanti	Kuntratti ta' xogħlijiet għall-kostruzzjoni ta' vjadotti tal-Ferroviji Baltiċi
96a	6.1 bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa u x-Xogħol u l-emenda għall-Att dwar l-Organizzazzjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa li jistabbilixxi s-sistema ta' rimborż għall-infermiera
97	6.1. Bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Mira	Ammissjoni għal taħriġ tal-infermerija
121	6.9. It-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Benessri 2023–2030 mill-gvern
123	6.9. It-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa	Stadju importanti	Għodda diġitali tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa
125	8.1 l-iffaċilitar tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tas-sejħa għal proposti għall-appoġġ tal-awtoritajiet lokali
126	8.1 l-iffaċilitar tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi għal-liġijiet rilevanti li jissimplifikaw il-proċessi tal-permessi, tal-ippjanar u tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
129	Programm 8.2 biex jiżdied l-aċċess tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għan-netwerk tad-distribuzzjoni tal-elettriku	Stadju importanti	L-iffirmar tal-ftehim ta' kofinanzjament għan-netwerk tad-distribuzzjoni tal-elettriku
131	8.3 żieda fil-produzzjoni u fl-użu ta' bijogass u bijometan sostenibbli	Stadju importanti	Sejħa għal applikazzjonijiet għal għotjiet biex jappoġġaw l-użu tal-bijometan
		Ammont ta' ħlas bin-nifs	EUR 142 977 720

Il-ħames reġistrazzjoni (appoġġ li ma jitħallasx lura):

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
4	1.2. Żvilupp tal-kostruzzjoni elettronika	Stadju importanti	Adozzjoni ta' standards internazzjonali u l-aħjar prattiki għall-użu ta' teknoloġiji diġitali fil-kostruzzjoni
8	1.3. Żvilupp ta' servizzi diġitali ta' poloz tal-vjeġġ	Mira	Żviluppi fl-interfaċċa tal-ECMR (Nota ta' Kunsinna elettronika)
14	1.4. Riforma tal-ħiliet għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji	Mira	Għadd ta' moduli ġodda ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid
15	1.4. Riforma tal-ħiliet għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji	Mira	Rieżami tal-istandards tal-kwalifiki għall-ispeċjalisti tal-ICT.
26	2.2. Ħiliet ekoloġiċi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi	Mira	Għadd ta' moduli ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid
39	2.6. Il-Fond Ekoloġiku	Mira	Volum ta' investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju jew investimenti ta' ekwità f'intrapriżi
43b	2.8 appoġġ għall-investment fis-sigurtà tal-provvista	Mira	Għadd ta' proġetti mogħtija wara s-sejħa għall-proposti
57	3.5. Rikonfigurazzjoni ta' servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud	Mira	Il-migrazzjoni ta' sistemi kritiċi għall-infrastruttura nazzjonali tal-cloud tal-ambaxxata tad-data
58	3.5. Rikonfigurazzjoni ta' servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud	Mira	Ittestjar tas-sigurtà ċentrali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
59	3.6. L-istabbiliment tal-analiżi strateġika tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-Estonja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u ta' bidliet leġiżlattivi, amministrattivi u kuntrattwali oħra meħtieġa għaċ-Ċentru għall-Analiżi Strateġika
61	3.8. Kostruzzjoni ta' netwerks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna	Mira	L-introduzzjoni ta' netwerk tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna għal siti ġodda
64	4.1. Promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika	Stadju importanti	L-għodod diġitali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni dwar ir-rinnovazzjoni inkluż il-viżwalizzazzjoni tar-riżultati tar-rinnovazzjoni u l-istima tal-kost tar-rinnovazzjoni saru operazzjonali
66	4.2. Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini ta' appartamenti	Mira	Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejbja fl-użu tal-enerġija
69	4.3. Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali żgħir	Mira	Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejbja fl-użu tal-enerġija
72	4.4. Nagħtu spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomija tal-enerġija	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni primarja u/jew sekondarja rilevanti u l-pubblikazzjoni ta' materjal ta' gwida biex jittaffew l-ostakli għall-installazzjoni ta' installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija
80a	4.8 spinta lill-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Kuntratturi għas-sistema tar-radar u tar-radar passiv/sensuri magħżula u l-kuntratti ffirmati
94	6.1. Bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-Gvern dwar il-pjan direzzjonali għall-iżvilupp tan-netwerk tal-Isptarijiet
119	6.8. Kura fuq terminu twil	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-digriet tal-Ministru tal-Protezzjoni Soċjali
120	6.8. Kura fuq terminu twil	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi tas-sistema ta' appoġġ għal tfal bi bżonnijiet ta' kura għolja
127	8.1 l-iffaċilitar tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Stadju importanti	Deċiżjoni governattiva li tistabbilixxi oqsma ta' prijetà għall-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ
128	8.1 l-iffaċilitar tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Mira	Appoġġ għall-awtoritajiet lokali
132	8.3 żieda fil-produzzjoni u fl-użu ta' bijogass u bijometan sostenibbli	Stadju importanti	Sħarriġ indipendenti li jidentifika l-interventi regolatorji, organizzattivi u finanzjarji meħtieġa
		Ammont ta' ħlas bin-nifs	EUR 142 977 720

Is-sitt Reġistrazzjoni (appoġġ li ma jitħallasx lura):

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
3	1.1. It-trasformazzjoni diġitali fl-intrapriżi	Mira	Għoti ta' għotjiet
5	1.2. Żvilupp tal-konstruzzjoni elettronika	Stadju importanti	Disponibbiltà ta' servizzi pubbliċi fuq il-pjattaforma tal-konstruzzjoni elettronika
6	1.2. Żvilupp tal-konstruzzjoni elettronika	Mira	Tlestija ta' proġetti ta' żvilupp u ħolqien ta' prototipi
9	1.3. Żvilupp ta' servizzi diġitali ta' poloz tal-vjeġġ	Mira	Għadd totali ta' proġetti li tlestew
33	2.4. Modernizzazzjoni tal-mudelli ta' negozju fil-kumpaniji tal-manifattura	Mira	Għadd ta' proġetti appoġġati
42	2.7 il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli	Stadju importanti	Teknoloġiji u tagħmir għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku
45	3.1. Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' ċentru ta' eċċellenza għall-governanza tad-data u d-data miftuħa	Mira	Tlestija ta' proġetti ta' titjib tal-kwalità tad-data
46	3.1. Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' ċentru ta' eċċellenza għall-governanza tad-data u d-data miftuħa	Mira	Pubblikazzjoni ta' settijiet ta' data fuq il-portal nazzjonali tad-data miftuħa
48	3.2. Żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u servizzi pubbliċi diġitali proattivi għall-individwi	Mira	Tnedija ta' servizzi ta' avvenimenti personali u servizzi proattivi
50	3.3. Żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u portal diġitali għall-imprendituri	Mira	L-iskjerament ta' żviluppi tal-IT li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tas-servizzi ta' avvenimenti kummerċjali u l-portal
52	3.4. Programm #Bürokratt (pjattaforma u ekosistema nazzjonali ta' assistenti virtwali)	Mira	Introduzzjoni tal-assistent virtwali Bürokratt fl-ambjenti tas-servizzi pubbliċi diġitali
53	3.4. Programm #Bürokratt (pjattaforma u ekosistema nazzjonali ta' assistenti virtwali)	Mira	Aċċess għas-servizzi pubbliċi diġitali permezz tal-pjattaforma ta' assistent virtwali

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
62	3.8. Kostruzzjoni ta' networks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna	Mira	L-introduzzjoni ta' network tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna għal siti ġodda
73	4.4. Nagħtu spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomija tal-enerġija	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali tas-Settur tal-Enerġija mill-Gvern
91	5.4 kostruzzjoni tal-linja tat-tramm tal-Port il-Qadim ta' Tallinn	Mira	Linja tat-tramm ġdida li qed topera
93	5.5. Investimenti tal-muniċipalitajiet fir-roti u l-mixi	Mira	L-infrastruttura għar-roti u għall-mixi tlestiet
100a	6.2.a kostruzzjoni ta' TERVIKUM	Stadju importanti	Kostruwita ta' TERVIKUM
115	6.6. Il-provvista ta' miżuri tas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh	Mira	Numru ta' żgħażaġh li jipparteċipaw fl-iskema "L-Ewwel Impjeg Tiegħi"
133	8.3 żieda fil-produzzjoni u fl-użu ta' bijogass u bijometan sostenibbli	Stadju importanti	L-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni għall-produzzjoni u l-użu tal-bijogass u tal-bijometan
		Ammont ta' ħlas bin-nifs	EUR 142 977 720

Is-seba' Reġistrazzjoni (appoġġ li ma jitħallasx lura):

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
10	1.3. Żvilupp ta' servizzi diġitali ta' poloz tal-vjeġġ	Stadju importanti	Evalwazzjoni ex post tal-iżvilupp u l-użu tal-kontijiet tal-vjeġġ diġitali
13	1.4. Riforma tal-ħiliet għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji	Mira	Tlestija ta' attivitajiet ta' taħriġ
18	1.5.1. Appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin — Strateġiji nazzjonali u reġjonali	Mira	Numru ta' strateġiji ta' esportazzjoni tal-pajjiż u reġjonali
20	1.5.2. Appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin — Ċentri tan-negozju innovattivi fi swieq ewlenin tal-esportazzjoni	Mira	Numru ta' ċentri tan-negozju miftuħa

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
22	1.5.3. Appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi fi swieq barranin — Gruppi b'impatt fuq l-esportazzjoni elettronika globali u stadji virtwali	Mira	L-għadd ta' missjonijiet imwettqa mill-gruppi tal-impatt globali u l-għadd ta' avvenimenti ewlenin li fihom l-Estonja kienet irrappreżentata permezz ta' "stadji virtwali"
27	2.2. Ħiliet ekoloġiċi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi	Mira	Persuni li jieħdu sehem fi programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid
30	2.3. Programmi ta' żvilupp ta' teknoloġija ekoloġika	Mira	Għadd ta' raggruppamenti appoġġati permezz tal-Programm għall-Iżvilupp tat-Teknoloġija Ekoloġika
31	2.3. Programmi ta' żvilupp ta' teknoloġija ekoloġika	Mira	Għadd ta' negozji ġodda appoġġati permezz tal-Programm għall-Iżvilupp tat-Teknoloġija Ekoloġika u li rċevew investment privat
36	2.5. L-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi	Mira	Għadd ta' proġetti li tlestew
40	2.6. Il-Fond Ekoloġiku	Mira	Volum ta' investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju jew investimenti ta' ekwità f'intrapriżi
43	2.7. Il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli	Mira	Għotjiet allokat i għal teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli li jirrappreżentaw mill-inqas EUR 49.49 miljun
43c	2.8 appoġġ għall-investment fis-sigurtà tal-provvista	Mira	Għadd ta' proġetti li tlestew
60	3.7. Sistema ta' informazzjoni għall-analiżi strateġika f'ħin reali tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu	Stadju importanti	L-iżvilupp tas-sistema l-ġdida ta' analiżi tal-ICT fil-ħin reali għaċ-Ċentru għall-Analiżi Strateġika, u t-twassil lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja
67	4.2. Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini ta' appartamenti	Mira	Stima tat-tnaqqis annwali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra
69a	4.3 appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali żgħir	Mira	Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejbja fl-użu tal-enerġija

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
75	4.5. Programm għat-tisħiħ tal-grilja tal-elettriku biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għall-adattament għat-tibdil fil-klima (bħall-protezzjoni kontra l-maltempati)	Mira	Kapaċità addizzjonali tal-grilja maħluqa permezz ta' investimenti fin-network ta' trażmissjoni
77	4.6. Programm biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-enerġija f'żoni industrijali	Mira	Kapaċità ta' konnessjoni addizzjonali għall-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli f'siti industrijali jew qribhom konnessi mal-grilja
79	4.7. Programm Pilota għall-Ħżin tal-Enerġija	Mira	Kapaċità addizzjonali ta' ħżin tas-sħana li tirriżulta minn appoġġ għall-investment
80	4.7. Programm Pilota għall-Ħżin tal-Enerġija	Mira	Kapaċità addizzjonali ta' ħżin tal-elettriku li tirriżulta minn appoġġ għall-investment
80b	4.8 spinta lill-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	Is-sistema/is-sensuri tar-radar u tar-radar passiv isiru operattivi
80c	4.8 spinta lill-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta	Stadju importanti	It-tneħħija tar-restrizzjoni tal-ġholi fuq it-turbini eoliċi lil hinn mill-kosta fil-Golf ta' Riga u fil-ġzejjer Estonjani Hiiumaa, Saaremaa, Vormsi
83	5.1. L-użu ta' infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija sikura, ekoloġika, kompetittiva, ibbażata fuq il-ħtiġijiet u sostenibbli	Stadju importanti	Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp tat-Trasport u l-Mobilità 2021–2035
85a	5.2.a bastiment tax-xogħol multifunzjonali	Stadju importanti	Bastiment ikkunsinnat
87a	5.3.a kostruzzjoni tal-vjadotti tal-Ferroviji Baltiċi	Mira	Vjadotti kompluti
98	6.1. Bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tar-Regolament Ministerjali li jemenda l-ftehim bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u l-Università ta' Tartu dwar in-nuqqas ta' tobba f'ċerti speċjalizzazzjonijiet
130	Programm 8.2 biex jiżdied l-aċċess tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku	Mira	Il-kostruzzjoni lesta u kapaċità addizzjonali ta' 160 MW disponibbli
134	8.3 żieda fil-produzzjoni u fl-użu ta' bijogass u bijometan sostenibbli	Mira	Installazzjoni ta' kapaċità ġdida ta' produzzjoni tal-bijometan

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	Isem
		Ammont ta' ħlas bin-nifs	EUR 95 318 480

SEZZJONI 3: ARRANĠAMENTI ADDIZZJONALI

1. Arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan Estonjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom isiru f'konformità mal-arranġamenti li ġejjin:

Il-Ministeru tal-Finanzi bħala l-ministeru ewlieni u ċ-Ċentru ta' Servizzi Kondiviżi tal-Istat għandhom jiżguraw koordinazzjoni, monitoraġġ u implimentazzjoni ġenerali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Iċ-Ċentru ta' Servizzi Kondiviżi tal-Istat għandu jwettaq il-funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni. Id-dipartiment tal-Baġit tal-Istat fil-Ministeru tal-Finanzi f'kooperazzjoni maċ-Ċentru ta' Servizzi Kondiviżi tal-Istat għandu jwettaq il-kompiti relatati mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

Il-ministeri u l-aġenziji settorjali għandhom iwettqu r-responsabbiltajiet assenjati lilhom, relatati mal-implimentazzjoni tal-pjan. Is-servizzi tagħhom għandhom jappoġġaw ukoll il-monitoraġġ tal-progress tal-proġetti taħt il-kompetenza tagħhom u jżommu kooperazzjoni mill-qrib maċ-Ċentru ta' Servizzi Kondiviżi tal-Istat u l-Ministeru tal-Finanzi. Għal dan l-għan, is-Sistema Operattiva tal-Fondi Strutturali (SFOS) eżistenti għandha tintuża biex tirreġistra d-data kollha relatata mal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan.

Id-dipartiment tal-Kontroll Finanzjarju tal-Ministeru tal-Finanzi, l-awtorità ta' verifika, għandu jwettaq verifiki regolari tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti. Hija għandha tħejji wkoll sommarju tal-awditi mwettqa għal talbiet għal pagamenti. L-awtorità tal-Awditjar għandha tospita wkoll is-Servizz ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi.

Is-sorsi nazzjonali u esterni kollha għandhom jiġu bbaġitjati flimkien fi programmi speċifiċi għas-settur li jippermettu monitoraġġ trasparenti tal-finanzjament settorjali u li jippermettu l-identifikazzjoni tar-riskji u l-prevenzjoni tal-finanzjament doppju.

2. Arranġamenti għall-għoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-data sottostanti

Iċ-Ċentru ta' Servizzi Kondiviżi tal-Istat bħala l-awtorità ta' ġestjoni għandu jkollu r-responsabbiltà li jippreżenta talbiet għal pagament lill-Kummissjoni Ewropea u li jfassal id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni li biha jiċċertifika li l-fondi ntużaw għall-iskop maħsub tagħhom, li l-informazzjoni hija kompluta, preċiża u affidabbli u li s-sistema ta' kontroll tipprovdi l-assigurazzjoni meħtieġa. Barra minn hekk, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni għandhom jiġu żgurati wkoll mill-Ministeru tal-Finanzi f'kooperazzjoni maċ-Ċentru ta' Servizzi Kondiviżi tal-Istat.

Id-data relatata mal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan għandha tinħażen fis-sistema ta' informazzjoni integrata eżistenti, is-Sistema Operattiva tal-Fondi Strutturali (SFOS). Il-SFOS huwa adattat għar-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2021/241 għall-ġbir tad-data, ir-rapporti ta' progress

u t-talbiet għal pagament, inkluż biex jinġabru l-indikaturi u informazzjoni oħra meħtieġa biex tintwera u tiġi rrappurtata l-kisba tal-istadji importanti u l-miri. Il-SFOS għandu jintuża mill-atturi kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-pjan. L-informazzjoni fl-SFOS għandha tiġi aġġornata kontinwament dwar il-progress u r-risultati tal-pjan inklużi n-nuqqasijiet identifikati u l-azzjonijiet korrettivi kollha meħuda.

F'konformità mal-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, mat-tlestija tal-istadji importanti u l-miri rilevanti maqbula fit-Taqsima 2.1 ta' dan l-Anness, l-Estonja għandha tippreżenta talba debitament ġustifikata lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja. L-Estonja għandha tiżgura li, fuq talba, il-Kummissjoni jkollha aċċess sħiħ għad-data sottostanti rilevanti li tappoġġa l-ġustifikazzjoni dovuta tat-talba għall-pagament, kemm għall-valutazzjoni tat-talba għall-pagament f'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 kif ukoll għall-finijiet ta' awditjar u kontroll.